

Rapport Ġenerali 2010

Is-sena tar-registrazzjoni

The background of the lower half of the page features a light blue map of Europe. In the foreground, three vertical test tubes are arranged from left to right. The leftmost tube is partially filled with a dark blue liquid. The middle tube is filled with a dark blue liquid up to about two-thirds of its height. The rightmost tube is filled with a dark blue liquid up to about three-quarters of its height. The tubes are set against the map background, which is slightly faded.

Avviż legali

L-ideat jew il-pożizzjonijiet imfissra f'dan ir-rapport ġenerali ma jirrappreżentawx neċessarjament f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi l-ebda responsabbiltà jew obbligu għal kwalunkwe żbalji jew ineżattezzi li jistgħu jidhru.

Ċaħda ta' reponsabbiltà

Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Rapport Ġenerali 2010

Referenza: ECHA-11-A-01-MT
MB/03/2011 adottat fl-24 ta' Marzu 2011

ISBN-13: 978-92-9217-533-7

ISSN: 1831-712X

Data ta' Pub: April 2011

Lingwa: MT

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2011
Qoxra tar-rapport ©

Ir-riproduzzjoni hi aw torizzata jekk is-sors huwa kkw otat fis-sħiħ b'dan il-mod "Sors: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, <http://echa.europa.eu/>", u avviż bil-miktub ikun mogħti bl-użu tal-paġna Kuntatt tal-ECHA fuq: http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

Dan id-dokument se jkun aċċessibbli fit-22 lingwa segwenti:

Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franciż, il-Germaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjoli u l-Isvediż.

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti relatati ma' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data ta' ħruġ) billi tuża l-formola għat-talba ta' informazzjoni. Il-formola għat-talba ta' informazzjoni tista' tinstab fuq il-paġna Kuntatt tal-ECHA fuq: http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland
Indirizz għal żjara: Annankatu 18, Helsinki, Finland

Werrej

KISBIET EWLENIN FL-2010 - TAQSIRA	5
ATTIVITAJIET OPERAZZJONALI – IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊESSI REACH U CLP	7
Attività 1: Reġistrazzjoni, Prereġistrazzjoni u Kondiv iżjoni ta' Dejta	7
Attività 2: Evalwazzjoni	11
Attività 3: Awtorizzazzjonijiet u Restrizzjonijiet	14
Attività 4: Klassifikazzjoni u Tikketta (K&T)	17
Attività 5: Parir u Assistenza bil-Gwida u l-Ħelpdesk	19
Attività 6: Sostenn tal-IT fl-Operazzjonijiet	23
Attività 7: Parir Xjentifiku u Prattiku għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġislazzjoni	26
KORPI U ATTIVITAJIET TA' SOSTENN TAL-ECHA	28
Attività 8: Kumitati u Forum	28
Attività 9: Bord tal-Appell	32
Attività 10: Komunikazzjoni	34
Attività 11: Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet tal-UE u Kooperazzjoni Internazzjonali	37
IMMANIĠĠJAR, ORGANIZZAZZJONI U RIŻORSI	40
Attività 12: Immaniġġjar	40
Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabbiltà	43
KISBIET EWLENIN FL-2010	43
Attività 14: Riżorsi Umani u Infrastruttura	45
Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni	47
ANNESI	49
Anness 1: Tabella tal-Organizzazzjoni tal-ECHA; BT, Kumitat, u Membri tal-Forum	1
Anness 2: Riżorsi Finanzjarji u Umani 2010	9
Anness 3: Statistiċi ta' Reġistrazzjoni u CLP	10
Anness 4: Statistiċi tal-Ħelpdesk	15
Anness 5: Lista ta' Kandidati għal Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna	16
Anness 6: Sustanzi rakkomandati għal-Lista ta' Awtorizzazzjoni	18
Anness 7: Analiżi u stima tal-AAR tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni għall-2010	20

AKRONIMI

ABAC	L-ABAC hi s-sistema ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni Ew ropea u tal-ECHA
ACSHW	Il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol
BC	Il-Kontinwità tan-Negozju
BO	Sid in-Negozju
C & L	Il-Klassifikazzjoni u Tikkettar
CASPER	L-Applikazzjoni għall-Karatterizzazzjoni tal-IT għas-Selezzjoni, l-Evalwazzjoni u r-Rapportar
CEFIC	Il-Kunsill Ew ropew tal-Industrija Kimika
CHESAR	L-Għodda għall-Istima tas-Sigurtà tal-Kimika u għar-Rappurtar
CLH	Il-Klassifikazzjoni u Tikkettar Armonizzati
CMR	Karċinoġenità, Mutaġeniċità, Reprotossicità
CLP	Il-Klassifikazzjoni, t-Tikkettar u l-Imballaġġ
CoRAP	Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti
DCG	Grupp ta' Kuntatt tad-Direttur
DG ENV	Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ew ropea
DG ENTR	Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ew ropea
KE	Kummissjoni Ew ropea
ECHA	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
ECM	Maniġment tal-Kontenut tal-Intrapriżi
EC TAIEX	Strument tal-Kummissjoni Ew ropea għall-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni għal pajjiżi ms iefħba
ŻEE	Żona Ekonomika Ew ropea
EFSA	Awtorità Ew ropea dwar is-Sigurtà fl-lkel
ENP	Politika Ewropea tal-Viċinat
ENVI	Kumitat tal-Parlament Ew ropew għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-lkel
PE	Parlament Ew ropew
ETUC	Konfederazzjoni Ew ropea tat-Trade Unions
UE	Unjoni Ew ropea
EU-OSHA	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
FAQ	Mistoqsijiet Frekwenti
HELPEX	HelpNet Exchange
HELPNET	Netwerk ta' Helpdesk REACH u CLP
HR	Riżorsi Umani
IAC	Kapaċità għall-Awditjar Intern
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ew ropea
IPA	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
IQMS	Sistema Integrata ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità
ICT	Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni
IT	Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni
IUCLID	Bażi ta' Dejta Internazzjonali għall-Infurmazzjoni Kimika Uniformi
MB	Bord tat-Tmexxija
MEP	Membru tal-Parlament Ew ropew
MSC	Il-Kumitat tal-Istati Membri
MSCA	L-Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
OR	Rappreżentattiv Uniku
PBT	Persistenza, Bijoakkumulazzjoni u Tossiċità
PPORD	Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi
QSAR	Relazzjoni Kw antitattiva bejn l-Istruttura u l-Attività
Q&A	Mistoqsijiet & Risposti
RAC	Kumitat għall-Istima tar-Riskji

REACH	Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi
REACH-IT	REACH-IT hi s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi appoġġ għal REACH
RIPE	Portal ta' Informazzjoni REACH għall-Infurzar
RIP-oN	Proġetti ta' Implimentazzjoni REACH dwar in-Nanomaterjali
SCENIHR	Kumitat Xjentifiku għar-Riskji tas-Saħħa Emerġenti u Identifikati Riċentament
SCOEL	Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Espożizzjoni fuq il-Post tax-Xogħol
SEAC	Kumitat tal-Analiżi Soċjoekonomika
SIDS	Ġabra ta' Dejta għall-Analiżi
SIEF	Il-Kondiviżjoni ta' Dejta & Forum ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar Sustanzi
SME	Intrapriżi Żgħir u Medji
SVHC	Sustanzi ta' Tħassib Għoli Ħafna
TCC	Verifika ta' Kompletezza Teknika
UNECE SC GHS	Sottokumitat tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet
US EPA	Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent
WHO	Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa
WG	Grupp ta' Ħidma
W/W	Piż skont il-Piż

KELMTEJN TA' QABEL TAD-DIRETTUR EŻEKUTTIV

“Is-sena ta' reġistrazzjoni”

Nilqagħkom għar-Rapport Ġenerali tal-2010 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Inħares lura lejn l-2010 bi kburija u sodisfazzjon kbira – u ftit għeja. Kien żmien ta' sfidi enormi għalina fl-ECHA iżda w koll sena ta' importanza kbira għall-Unjoni Ewropea fis-sħuħija tagħha, għax issa għandha l-ewwel riżultati tanġibbli tal-leġislazzjoni l-aktar ambizzjuża fid-dinja dwar il-kimiċi.

Lejn it-tmiem tal-2010, għaddew żewġ dati ta' għeluq għal REACH u r-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ (CLP). Bħala reazzjoni għal dawn id-dati ta' għeluq, l-ECHA rċeviet 25 000 dossier ta' reġistrazzjoni dwar 4 300 sustanza kimika li huma jew użati b'mod komuni fl-Ewropa jew huma l-aktar ta' ħsara; u aktar minn 3 miljun avviż fuq aktar minn 100 000 sustanza li huma kklassifikati u għandhom jiġu tikkettati biex jiġi protett min jużahom.

Grazzi għal dan l-isforz enormi tal-industrija, l-Istati Membri u l-ECHA, issa għandna sett uniku ta' informazzjoni dwar il-kimiċi użati fl-Ewropa llum. Din l-informazzjoni se tikber u titjeb maż-żmien, iżda diġà għandna aċċess għal aktar tagħrif dwar il-kimiċi milli kien hemm qatt qabel – kullimkien fid-dinja. Barra minn hekk, il-ħidma tal-industrija fil-preparazzjoni tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom diġà qed tirriżulta f'sikurezza akbar fl-immaniġġjar ta' kimiċi minħabba l-valutazzjonijiet magħmula minn kumpaniji fuq sustanzi rreġistrati, u l-implimentazzjoni li rriżultat minn kwalunkwe miżuri għall-immaniġġjar ta' riskji meħtieġa identifikati waqt il-preparazzjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni. Jien u l-kollegi tiegħi kollha haw nhekk fl-ECHA aħna ferm kburin li tajna sehemna f'dan l-isforz.

Min-numru ta' reġistrazzjonijiet u avviżi jidher biċ-ċar li kumpaniji ħadu r-responsabbiltà tagħhom skont il-liġi b'mod serju. Dan juri w koll li lesti jaffrontaw din l-isfida konsiderevoli billi jaħdmu flimkien mal-kompetituri tagħhom sabiex jintlaħqu l-miri tal-leġislazzjoni – billi jissottomettu dossiers u avviżi u billi jevitaw ittestjar fuq l-annimali mhux meħtieġ billi qas mu d-dejta. Din ir-rikkezza ta' informazzjoni dwar is-sustanzi għandha numru ta' implikazzjonijiet sinifikanti ħafna għall-protezzjoni tas-saħħa umana u ambjentali:

- Azzjoni regolatorja u tal-inforzar aktar informata
- Immaniġġjar aktar effettiv ta' riskji ta' kimiċi perikolużi
- Klassifikazzjoni aktar konsistenti ta' sustanzi perikolużi
- Il-perikli u r-riskji mis-sustanzi għall-ħaddiema u ċ-ċittadini huma spjegati b'mod aktar ċar, u
- Fehim akbar fost is-soċjetà ċivika dwar il-perikli u r-riskji tas-sustanzi li qed jintużaw illum.

B'kuntentizza kbira nfaħħar lil daw k kollha li għamlu lis-sena 2010 tant sinifikanti u mimlija suċċessi.

Geert Dancet
Direttur Eżekuttiv

PREŻENTAZZJONI TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hi fiċ-ċentru tas-sistema regolatorja ġdida dwar il-kimiċi fl-Unjoni Ewropea (UE), kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH). Fil-bidu tal-2007, REACH ġiet kumplementata mir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlit (CLP Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill). Dawn l-atti leġislativi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-bżonn ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

L-għan tas-sistema REACH hu li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana u ambjentali; li jiġu promossi metodi alternattivi għall-ittejtjar tal-annimali biex jiġu valutati l-perikli tal-kimiċi; biex tiġi faċilitata ċ-ċirkolazzjoni ta' sustanzi fis-suq uniku; u biex tiżdied il-kompetittività u l-innovazzjoni. F'termini prattiċi, ir-reġim il-ġdid hu mistenni li jnaqqas id-disparità fl-għarfien fejn jidhru l-kimiċi li daflu fis-suq Ewropew qabel l-1981; biex tiġi mħaffa l-kummerċjalizzazzjoni ta' kimiċi sikuri u innovattivi; u biex l-immaniġġjar tar-riskji ta' dawn is-sustanzi isir aktar effiċjenti – b'mod partikolari billi l-piż tal-provi biex jiġu identifikati u kkontrollati r-riskji jmur minn fuq l-awtoritajiet għall-kumpaniji. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' REACH titlob Aġenzija li taħdem sew, li kapaċi toffri opinjonijiet ta' natura xjentifika b'mod indipendenti u ta' kwalità għolja fi skadenzi stretti, kif ukoll li tiżgura li l-aspetti operazzjonali tal-leġislazzjoni jaħdmu tajjeb. Madanakollu, l-operazzjoni effiċjenti ta' REACH tiddependi wkoll fuq l-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE, u l-Kummissjoni Ewropea.

L-għan tar-Regolament CLP hu li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana u ambjentali, kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tas-sustanzi, taħlitiet u oġġetti, billi jiġu armonizzati l-kriterji għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi u t-taħlitiet, u r-regoli l-ġodda dwar it-tikkettar u l-imballaġġ. Il-propertajiet perikolużi ta' kimiċi jkopru l-perikli fiżiċi kif ukoll il-perikli għas-saħħa umana u ambjentali, inklużi l-perikli għas-saff tal-ożonu. Barra minn hekk, ir-Regolament CLP jikkostitwixxi kontribuzzjoni tal-UE għall-armonizzazzjoni globali ta' kriterji dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar, dan tal-aħħar li ġie żviluppat fin-Nazzjonijiet Uniti (NUGHS).

Iż-żewġ regolamenti għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq tal-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) adottat fis-6 ta' Frar 2006 f'Dubai.

Il-Missjoni tal-ECHA

Il-missjoni tal-ECHA hi li tamministra l-kompiti REACH u CLP afdati lilha billi teżerċita jew tikkoordina l-attivitajiet meħtieġa, sabiex tiżgura implimentazzjoni konsistenti fuq livell Komunitarju u biex tipprovdi lill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej bl-aqwa parir xjentifiku possibbli fuq kwistjonijiet relatati mas-sikurezza u l-aspetti soċjoekonomiċi fl-użu tal-kimiċi. Dan jinkiseb billi jiġi żgurat proċess kredibbli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, billi jiġu użati l-aqwa kapaċitajiet xjentifiċi, tekniki u regolatorji possibbli, u billi taħdem b'mod indipendenti b'manjera effiċjenti, trasparenti u konsistenti.

Il-Viżjoni tal-ECHA

Il-viżjoni tal-ECHA hi li ssir l-Aġenzija rikonoxxuta internazzjonalment ewlenija fuq kw alunkw e kw estjoni relatata mas-sikurezza tal-kimiċi industrijali, u sors għal informazzjoni affidabbli u ta' kwalità għolja dwar il-kimiċi. L-ECHA se tkun awtorità regolatorja affidabbli, effiċjenti u trasparenti u tattira persunal ferm motivat u ta' talent billi tapplika l-aktar Prattiki amministrattivi u politiki moderni għall-persunal. L-ECHA se tkun rikonoxxuta bħala sieħeb affidabbli li tipprovdi parir u assistenza fejn hemm bżonn.

KISBIET EWLENIN FL-2010 - TAQSIRA

Is-sena 2010 kienet storika għall-implimentazzjoni tar-Regolament REACH, l-aktar fl-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni, fit-30 ta' Novembru 2010. Sal-iskadenza, l-ECHA kienet irċeviet b'suċċess 25 000 dossier komprensiv ta' reġistrazzjoni għal 4 300 sustanza – dan qatt qabel ma kien intlaħaq fid-dinja. Fid-dossiers, ir-reġistranti ġġeneraw id-dejta ta' periklu dwar is-sustanzi li jimmanifatturaw jew jimpurtaw, iwwalutaw ir-riskji relatati mal-użu ta' dawn is-sustanzi u rakkomandaw miżuri għall-immaniġġjar tar-riskji fejn xieraq.

Fl-2010 REACH-IT ġiet modifikata mill-ġdid sabiex tipprovdi titjib fil-funzjonalitajiet u l-effiċjenza għar-reġistranti u l-Aġenzija; l-għodda tal-IT ġew żviluppati sabiex jippermettu lil kumpaniji biex jikkompilaw id-dossiers tagħhom b'mod effiċjenti, jiċċekkjaw il-kompletezza ta' dawn id-dossiers u l-informazzjoni minnhom li se tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-ECHA, u biex jivverifikaw il-livell tagħhom fil-ħlas tas-somma qabel ma jissottomettu d-dossiers. L-għodda għall-Kontroll tal-Kompletezza Teknika (TKK) b'mod partikolari kienet suċċess enormi: wara t-tneġġja tagħha f'Diċembru 2009 ir-rata ta' suċċess tat-TKK żdiedet għal aktar minn 98%.

Kisba kbira oħra għall-Aġenzija kienet li rċeviet aktar minn 3 miljun notifika ta' klassifikazzjoni u tikkettjar mill-Industrija sat-3 ta' Jannar 2011. L-ECHA żviluppata tliet modi differenti għall-industrija biex tissottometti n-notifiki għall-K&T: bħala dossier ta' IUCLID; online b'REACH-IT; jew b'volumi kbar, billi jkunu koperti sustanzi multipli jew awviżi multipli. In-notifikaturi jistgħu jagħżlu l-għodda li l-aktar jippreferu, l-aktar waħda xierqa għall-bżonnijiet tan-negozju tagħhom. L-għodda ta' volumi kbar, bis-sezzjonijiet estensivi ta' għajjnuna tagħha, saret aċċessibbli bil-lingwi kollha minn Mejju 2010.

Elementi importanti biex tiġi żgurata sottomessjoni mexxejja tad-dossiers ta' reġistrazzjoni u notifiki għall-K&T kienu s-servizzi tal-Ħelpdesk u l-gwida meħtieġa pprovduta għall-industrija mill-Aġenzija.

Peress li l-valutazzjoni tad-dossiers se tkun l-isfida l-kbira li jmiss lill-Aġenzija wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni, ġiet mogħtija importanza kbira lill-organizzazzjoni tal-persunal involut f'diversi gruppi multidixxiplinarji, li rriżultat f'żieda sinifikanti fin-numru ta' dossiers evalwati, u fl-istess waqt jiġi integrat persunal ġdid u jiġu infurzati kompetenzi xjentifiċi interni. Barra minn hekk, l-ECHA ħadmet fuq l-għodod tal-IT tagħha li għandhom itejbu l-effiċjenza tal-proċessi biex jippermettu t-tweġġti simultanju ta' diversi mijiet ta' evalwazzjonijiet ta' dossiers fis-sena.

Kif ippjanat, l-ECHA aġġornat il-Lista ta' Kandidati tas-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna darbtejn fl-2010, billi żiedet 16-il sustanza fil-Lista ta' Kandidati – u b'hekk tellgħet in-numru totali ta' sustanzi fuq il-Lista għal 46 – u sottomettiet it-tieni rakkomandazzjoni tagħha lill-Kummissjoni għall-inklużjoni ta' sustanzi bi prijorità fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni, f'Diċembru. Kienet rakkomandata l-inklużjoni ta' tmien sustanzi mil-Lista ta' Kandidati u ġew imfassla suġġerimenti għall-applikazzjoni u d-data tat-terminazzjoni. Kemm il-preparazzjoni tal-Lista ta' Kandidati kif ukoll ir-rakkomandazzjoni dwar il-Lista ta' Awtorizzazzjoni ġew wara konsultazzjonijiet pubbliċi.

Matul is-sena kienu pproċessati erba' dossiers ta' restrizzjoni, wieħed minnhom ippreparat mill-ECHA u tlieta mill-Istati Membri, u ġew sottomessi għand ir-RAC u s-SEAC għall-opinjoni.

Matul l-2010 ġew irċevuti totali ta' 81 proposta dwar is-CLH, u kważi nofs dawn id-dossiers kienu sottomessi matul Diċembru. Minkejja dan, seħħew 30 verifika dwar qbil u r-RAC adottat l-opinjoni xjentifika tagħha fuq 16-il proposta.

Is-sena kienet ferm impenjattiva għat-tliet Kumitati tal-ECHA kollha kemm huma: id-dossiers kollha ġew ipproċessati mill-Kumitati fi żmien il-limiti legali, filwaqt li opinjonijiet jew qbil ġew adottati b'konsens jew b'mod unanimu u kienu ta' kwalità għolja.

Fl-2010, l-ECHA kkonkludiet ukoll l-ewwel ftehim kooperattiv tagħha ma' pajjiżi terzi. Memorandum ta' ftehim kien iffirmit mal-Environment Canada u l-Health Canada f'Mejju u Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni tard fis-sena mal-US EPA Office of Pollution Prevention and Toxics.

Waħda mill-miri tal-ECHA skont ir-Regolament REACH hu li tippublika, mingħajr ħlas fuq l-internet, l-informazzjoni li għandha fuq is-sustanzi reġistrati. Sal-aħħar tal-2010, il-portal ta' tixrid fuq is-sit elettroniku tal-ECHA kien jaħżen fih informazzjoni dw ar 383 sustanza.

L-Aġenzija kompliet bit-tkabbir mgħaġġel tagħha hekk kif aktar minn għe impjegat 120 membru tal-persunal ġdid. Ġew żviluppata politiki u proċessi tal-immaniġġjar u amministrattivi u seħħ progress, b'mod partikolari, fl-oqsma tas-sigurtà, l-immaniġġjar tal-kwalità u l-immaniġġjar tar-riskji.

ATTIVITAJIET OPERAZZJONALI – IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊESSI REACH U CLP

Attività 1: Reġistrazzjoni, Prereġistrazzjoni u Kondiviżjoni ta' Deġta

Kisbiet ewlenin fl-2010

Reġistrazzjoni

Is-sena 2010 kienet storika għall-implimentazzjoni tar-Regolament REACH, l-aktar fl-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni, fit-30 ta' Novembru 2010. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-proċess ta' reġistrazzjoni hu li manifatturi u importaturi jiġġeneraw deġta dwar is-sustanzi li jimmanifatturaw jew jimportaw, biex jużaw din id-deġta sabiex jivvalutaw ir-riskji relatati ma' dawn is-sustanzi, u biex jiżviluppaw u jirrakkomandaw miżuri xierqa għall-immaniġġjar ta' riskji, u għaldaqstant jikkontribwixxu għal livell ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa umana u ambjentali madwar l-UE. Minkejja l-inċertezz li pprevalew fuq in-numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni mistennija kemm fost l-industrija u l-awtoritajiet, kif ukoll fuq in-numru ta' sustanzi li dawn id-dossiers kellhom ikopru, l-ECHA laqgħet din l-isfida u kellha ppreparati l-persunal, il-proċeduri, l-għodda tal-IT u l-appoġġ għar-reġistranti sabiex ikun hemm reġistrazzjoni mexxejja.

Sabiex jiġu kkontrollati dawn l-inċertezz, l-Aġenzija bdiet tipprepara fil-bidu tal-2009 u fasslet pjani ta' kontinġenza li jifilħu sa 75 000 dossier matul is-sena. L-ECHA impjegat staff temporanju għall-iproċessar tad-deġta u ħarrġet 75 membru tal-istaff diġà eżistenti sabiex jiġu trasferiti mingħajr intoppi f'każ ta' żieda enormi f'daqqa ta' sottomissjonijiet. Punt ta' svolta kruċjali ntafhaq kmieni f'Ottubru meta diversi passi fil-proċess ta' sottomessjoni tad-dossiers ġew awtomatizzati f'REACH-IT, li jżomm f'livelli minimi l-bżonn ta' interventzjoni umana.

Minbarra l-attivitajiet preparatorji tal-ECHA stess, Grupp ta' Kuntatt għad-Diretturi (DCG) – magħmul minn Diretturi tal-Kummissjoni, l-ECHA, u sitt assoċjazzjonijiet tal-industrija ġie stabbilit kmieni fl-2010 bħala struttura temporanja, sabiex jikkontrolla l-preparazzjoni tal-industrija għall-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni u biex jidentifika soluzzjonijiet meta jkun hemm bżonn għal problemi prattiċi li jiltaqgħu magħhom ir-reġistranti. F'dan il-kontest, l-ECHA niedet għadd ta' sfħarriġijiet b'kollaborazzjoni kbira mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija sabiex jirfinaw l-istimi tan-numri ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali koperti mill-iskadenza tal-2010¹ u tan-numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni mistennija li jiġu sottomessi għal dawn is-sustanzi. Lista ta' sustanzi identifikati fl-istħarriġijiet fl-2010 kienet ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-ECHA f'April 2010, u ġiet aġġornata regolarment ibbażata fuq kummenti rċevuti direttament mingħand manifatturi, importaturi kif ukoll mingħand Reġistranti Prinċipali.

Sal-1 ta' Diċembru 2010, l-ECHA rċeviet kważi 25 000 reġistrazzjoni li jkopru kważi 4 300 sustanza differenti, li minnhom 3 400 kienu sustanzi ta' introduzzjoni gradwali koperti mill-iskadenza. L-ECHA osservat l-ogħla żewġ żidiet fis-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet: waħda f'Settembru, meta Reġistranti Prinċipali sottomettew id-dossiers tagħhom biex jibbenefikaw minn skadenza iqsar għall-kontroll ta' kompletzza mill-ECHA, u waħda akbar lejn l-aħħar ta' Novembru, viċin tal-iskadenza ta' żmien għar-reġistrazzjoni stess. L-ECHA rnexxielha tipproċessa d-dossiers b'mod mexxej anke waqt dawn il-perjodi ta' żieda enormi f'daqqa: f'Settembru, l-Aġenzija setgħet

¹ Sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati jew impurtati fi kwantitajiet akbar minn 1000 tunnellata fis-sena għal kull manifattur jew importatur, sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati jew impurtati fi kwantitajiet akbar minn 100 tunnellata fis-sena għal kull manifattur jew importatur u kklassifikati bħala fem tossiċi għal organiżmi akwatiċi li jistgħu jkkawżaw effetti ħżiena fit-tul f'ambjenti akwatiċi u sustanzi ta' introduzzjoni gradwali kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni jew manifatturati jew importazzjoni fi kwantitajiet akbar minn tunnellata (1) fis-sena għal kull manifattur jew importatur.

tlaħħaq grazzi għall-persunal temporanju u l-istaff diġà eżistenti mħarreġ għal skopijiet ta' trasferiment temporanju, filwaqt li f'Novembru dñul ta' staff żejjed ma kienx meħtieġ peress li l-maġġoranza tal-proċessi għas-sottomissjoni tad-dossiers kienet awtomatizzata f'REACH-IT.

L-ECHA fasslet ukoll il-proċessi biex timplimenta numru ta' soluzzjonijiet identifikati mid-DCG. Is-soluzzjonijiet kienu maħluqa għal reġistranti diliġenti li, minħabba ċirkustanzi mhux mistennija li ma setgħux jikkontrollaw hom, iffaċċjaw diffikultajiet prattiċi biex iħarsu l-obbligi ta' reġistrazzjoni tagħhom fil-ħin. Fl-aħħar is-sitwazzjonijiet dehru li kienu eċċezzjonali, kif maħsub mid-DCG, bi ftit kumpaniji biss jikkwalifikaw u jibbenefikaw mis-soluzzjonijiet stabbiliti.

In-numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni rċevuti mill-iskadenza ta' Novembru taqbel max-xenarju bażi maħsub mill-Aġenzija, filwaqt li n-numru ta' sustanzi kien inqas milli indikat fl-istħarriġijiet tal-industrija u tal-ECHA magħmula kmieni fis-sena. Reġistrazzjonijiet addizzjonali kienu rċevuti wara l-iskadenza, u jtellgħu n-numru globali ta' reġistrazzjonijiet sottomessi fl-2010 għal ftit aktar minn 25 600. Dan kien l-ewwel darba li xi awtorità fid-dinja ġabret ammont ta' informazzjoni tant kbir fuq il-proprjetajiet ta' sustanzi kimiċi, sabiex ikunu aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u użati fi proċessi oħra REACH bħall-evalwazzjoni, ir-restrizzjoni u l-awtorizzazzjoni. B'mod globali, il-proċessi ta' reġistrazzjoni kienu ta' suċċess kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għall-industrija.

Il-maġġoranza assoluta ta' reġistrazzjonijiet kienet sottomessa minn kumpaniji kbar, kif mistenni, meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limiti ta' tunnellaġġ affettwati. 90% tad-dossiers ikkonċernaw sustanzi manifatturati jew impurtati fi kwantitajiet akbar minn 1000 tunnellata fis-sena, u 25% tad-dossiers kienu dwar sustanzi reġistrati bħala intermedji biss. Ħafna mir-reġistrazzjonijiet kienu sottomessi bħala parti minn sottomissjonijiet konġunti minkejja d-diffikultajiet irrapurtati waqt il-formazzjoni u l-immaniġġjar tas-SIEFs (argumenti dwar il-qsim tal-ispejjeż u problemi ta' komunikazzjoni). Ir-Rappreżentanti Uniċi, ħadmu f'isem manifatturi minn barra l-UE, issottomettew kważi 20% tar-reġistrazzjonijiet.

Waqt li d-dossiers ta' reġistrazzjoni kellhom jiġu ppreparati mill-industrija, l-ECHA allokat riżorsi konsiderevoli biex tappoġġja lir-reġistranti f'din l-attività impenjattiva. Ir-rata ta' dossiers li ġew aċċettati għall-ipproċessar u li b'suċċess għaddew il-kontroll għall-kompletezza teknika tjebet kontinwament matul is-sena, billi għolliet ir-rati ta' suċċess sa 80% u 98% rispettivament, fl-aħħar xahrejn qabel l-iskadenza. Il-fehma globali tal-ECHA hi li l-kumpaniji kollha li kienu determinati li jirreġistraw sal-iskadenza rnexxielhom jagħmlu dan, b'appoġġ addizzjonali mill-Aġenzija fejn kien meħtieġ.

Meta viċin l-iskadenza, l-enfasi mar fuq l-indirizzar ta' inċertezzi ta' utenti downstream dwar jekk sustanzi interessanti għall-katini ta' provvista tagħhom ikunux irreġistrati u jekk l-użi tagħhom ikunux koperti minn dawn ir-reġistrazzjonijiet. Biex jiġu meħjuna utenti downstream fil-monitoraġġ tal-progress tal-proċess ta' reġistrazzjoni, lista ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li dwarhom l-ECHA kienet irċiviet dossier ġiet aġġornata kull ġimgħa fuq is-sit elettroniku tagħha.

Kondiviżjoni ta' Dejta

L-ECHA għandha rwol limitat biex issolvi kwistjonijiet dwar il-kondiviżjoni ta' dejta skont ir-Regolament REACH. Fl-ewwel semestru tal-2010 l-ECHA stabbilixxiet il-proċeduri u l-prinċipji tagħha, u ppubblikathom fuq is-sit elettroniku tagħha f'Lulju. Dawn il-linji gwida affettwaw l-kondiviżjoni ta' dejta u spejjeż għal reġistranti futuri sal-2018 u aktar. Matul is-sena l-ECHA ġiet informata li f'ċertu każi kien hemm problemi severi fost ir-reġistranti fl-oqsma ta' kondiviżjoni ta' dejta b'mod ġenerali u fil-qsim ta' spejjeż b'mod partikolari: ftit ħafna kienu dawk il-kwistjonijiet li waslu sal-ECHA.

Filwaqt li n-numru ta' kwistjonijiet attwali dwar il-kondiviżjoni ta' dejta baqa' baxx, in-numru ta' domandi li jippermettu reġistranti potenzjali jew preċedenti tal-istess sustanza li għandha titqiegħed f'kuntatt bdew jiżdiedu b'mod mgħaġġel lejn l-aħħar tas-sena. B'kollox, l-ECHA rċiviet kważi 1 600 domanda fl-2010, li aktar minn 50% minnhom daħlu fl-aħħar kwart tas-sena. Proporzjoni konsiderevoli minn dawn id-domandi kienu għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, u għaldaqstant ma jirrapreżentawx sustanzi ġodda fis-suq Ewropew. Iż-żieda enormi f'daqqa fis-sottomissjoni tad-domandi, flimkien mal-problemi fil-kwalità fl-informazzjoni għall-identifikazzjoni

tas-sustanza pprovduta minn daw k li għamli d-domandi, irriżultaw f'xi dew mien fl-ipproċessar tad-dossiers. L-ECHA informat lill-kumpaniji affettwati dwar id-dew mien mistenni u talbihom jagħtu attenzjoni lir-rekw iziti tad-domandi għall-identifikazzjoni tas-sustanza stabbiliti b' REA CH.

Tixrid

Wieħed mill-obiettivi ta l-ECHA skont ir-Regolament REA CH hu li tippubblika, mingħajr ħlas fuq l-internet, l-informazzjoni li għandha fuq is-sustanzi reġistrati. Sal-aħħar ta l-2010, il-portal ta' tixrid fuq is-sit elettroniku ta l-ECHA kien jaħżen fih informazzjoni dwar 383 sustanza. Minħabba l-bżonn li jiġu allokati r-riżorsi skarsi ta l-Aġenzija l-aktar għall-operazzjoni mingħajr intoppi ta l-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni, il-proġett ta' tixrid li jippermetti aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar is-sustanzi bl-użu ta l-internet, mexxa 'l quddiem relattivament bil-mod.

Madanakollu, saret ħafna azzjoni preparatorja biex tiżgura tixrid mexxej ta l-informazzjoni fl-2011: l-istrategġija għat-tixrid ġiet reveduta fil-Bord għall-Immaniġġjar, b'mod partikolari mill-grupp konsultattiv tiegħu dwar id-disseminazzjoni li jinkludi tliet rappreżentanti minn partijiet interessati; filw aqt li żew ġ manwali dwar is-suġġett ġew ippubblikati w koll.

Fl-aħħar kw art tas-sena, l-ECHA bdiet ukoll il-valutazzjoni ta' pretensjonijiet dwar il-kunfidenzjalità. Madwar 4% tad-dossiers ta' reġistrazzjoni rċevuti fl-2010 kellhom pretensjoni waħda jew aktar dwar il-kunfidenzjalità. L-ECHA l-ewwel ivverifikat jekk il-pretensjoni saritx bi qbil ma l-Artikolu 119(2) dwar REA CH u w ara dan tivvaluta l-ġustifikazzjoni mogħtija mir-reġistrant.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Il-kw istjonijiet dwar id-dossiers u l-kondiviżjoni ta' dejta huma pproċessati, u n-notifiki PPORD u pretensjonijiet dwar il-kunfidenzjalità evalwati, skont il-proċeduri standard adottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament REA CH.
2. Id-domandi huma pproċessati skont il-proċeduri standard adottati mill-ECHA, fiż-żmien limitu fil-mira ta' 20 ġurnata ta' xogħol.

Indikaturi & Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal mir-reġistrazzjoni, notifiki PPORD, u kwistjonijiet dwar il-kondiviżjoni ta' dejta pproċessati fil-perjodu ta' żmien legali.	100%	Żmien irrikordjat fir-rappurtar kull xahar f'REACH-IT	100%
Perċentwal ta' domandi pproċessati fil-perjodu ta' żmien stabbilit (20 ġurnata ta' xogħol).	Mhux inqas minn 90%	Żmien irrikordjat fir-rappurtar kull xahar f'REACH-IT	75%
Numru ta' appelli magħmula mir-reġistranti u notifikaturi kontra d-deċiżjonijiet.	Mhux aktar minn 10% tad-deċiżjonijiet	Monitoraġġ tar-risposti għad-deċiżjonijiet kull xahar	0%

Punti Ewlenin

- Fl-ewwel kwart tas-sena ġew imfassla pjanijiet ta' kontinġenza sabiex iżidu l-kapaċità tal-Aġenzija fl-ipproċessar sa 75 000 dossiers ta' reġistrazzjoni, f'każ ta' bżonn.
- Ġew impjegati 26 persunal temporanju għall-ipproċessar tad-dossiers u 75 staff diġà eżistenti tħarrġu biex jiġu trasferiti malajr f'każ ta' żieda enormi f'daqqa ta' sottomissjonijiet.
- Ġew żviluppati speċifikazzjonijiet preċiżi u dettaljati biex REACH-IT titjeb, sabiex il-maġġoranza tal-proċeduri jistgħu jkunu awtomatizzati.
- Inħolqu manw ali, gw idi u informazzjoni oħra aġġornati għar-reġistranti.
- Dossiers li kienu deħlin kien pproċessati, fatturi mibgħuta u ħlasijiet irċevuti, fi skadenzi xierqa.
- 16-il kw istjoni dw ar kondivżjoni ta' dejta deheru quddiem l-ECHA, li w asslet għal deċiżjoni dw ar disgħa minnhom.

Tabella 1: Numru ta' sottomissjonijiet mlestija b'suċċess fl-2010²

Tip ta' Dossier	Tlestew b'suċċess
	Total
Reġistrazzjonijiet	18 956
Intermedji Isolati Trasportati	3 425
Intermedji Isolati Fuq il-Post	1 373
Total	23 754

Tabella 2: Sottomissjonijiet maqsuma fl-2010

Tip	% Tlestew b'suċċess
Konġunti – Reġistrant Prinċipali	12%
Konġunti – Reġistrant Membru	81%
Reġistrant Individwali	7%
	100%

Tabella 3: Perċentwal ta' dossiers ta' reġistrazzjoni skont id-daqs tal-kumpanija (tlestew b'suċċess)

Daqs tal-kumpanija	Tlestew b'suċċess
	Total 2010
Kbir	87%
Medju	8%
Żgħir	4%
Mikro	1%
Total	100%

² Dossiers li tlestew b'suċċess: dossiers li għaddew b'suċċess mill-proċess ta' reġistrazzjoni u rċevew numru ta' reġistrazzjoni. In-numru totali ta' dossiers sottomessi mill-industrija fl-2010 hu għaldaqstant ogħla, bit-total ta' 25,616.

Kisbiet ewlenin fl-2010

Fl-2010, ġie sottomess numru dejjem jiżdid ta' dossiers ta' reġistrazzjoni minn reġistranti li jkopri l-aktar sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li kellhom jiġu rreġistrati sal-iskadenza ta' Novembru. Id-dossiers sottomessi fl-2009 jew fl-eww el semestru tal-2010 intużaw biex jinbena aktar l-għarfien tal-ECHA dwar il-kwalità tad-dossiers bl-eżekuzzjoni ta' kontrolli tal-konformità u l-eżaminazzjoni ta' proposti għall-ittejtjar, numru dejjem jiżdid ta' dossiers ġew ittrattati fl-evalwazzjoni tad-dossiers. Madanakollu, ħafna mid-dossiers waslu biss fl-aħħar tliet xhur qabel l-iskadenza u għaldaqstant numru limitat biss ta' evalwazzjonijiet ta' dossiers dwar sustanzi ta' introduzzjoni gradwali ġew mitmuma fl-2010. Minkejja dan, 70 kontroll tal-konformità u erba' eżaminazzjonijiet ta' proposti għall-ittejtjar tlestew fl-2010.

Bħala prerekwiżit għall-immaniġġjar ta' dossiers kumplessi dwar sustanzi b'tunnellaġġ għoli, l-ECHA kompliet bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet billi timpjega, tħarreġ u tintegra persunal ġdid, kif ukoll billi ssaħħaħ l-kompetenzi xjentifiċi interni u l-kooperazzjoni ma' esperti esterni. Barra minn hekk, l-ECHA ħadmet biex ittejtjeb l-effiċjenza tal-proċessi sabiex timmaniġġja b'mod simultanju diversi mijiet ta' evalwazzjonijiet ta' dossiers fis-sena. Is-sistema bbażata fuq l-esperti għall-appoġġ fid-deċiżjoni ġiet żviluppata aktar fl-2010 biex issostni x-xogħol fl-2011: tiggwida l-evalwaturi billi tuża mistoqsijiet u istruzzjonijiet standardizzati u żżid il-ħin għad-dispożizzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi.

Iż-żewġ proċessi ta' evalwazzjoni tad-dossiers jinkludu inkarigi li fihom is-segretarjat tal-ECHA jiffurmola ġudizzji xjentifiċi u legali. L-informazzjoni maħżuna fid-dossiers ta' reġistrazzjoni hi mqabbla mar-rekwiżiti fit-test legali. L-identità, il-proprjetajiet fiżiċikimiċi, ir-relazzjonijiet ta' attività strutturali, it-tossikoloġija, l-epidemioloġija, l-iġjene okkupazzjonali, l-effetti ambjentali u d-destin, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar, il-valutazzjoni dwar l-espożizzjoni, il-karatterizzazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju tas-sustanza, huma elementi xjentifiċi bżonnjużi biex jintlaħqu deċiżjonijiet sodi u bbażati fuq ix-xjenza dwar l-evalwazzjoni.

Fuq il-bażi ta' esperjenzi fl-evalwazzjoni tad-dossiers sar-rebbiegħa tal-2010, instab li il-komunikazzjoni mar-reġistranti dwar ir-riżultat tal-evalwazzjoni tiffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni. L-ECHA ddeċidiet li tipprovdli lir-reġistranti bl-opportunità li jirċievu informazzjoni bi sfond xjentifiku u legali addizzjonali dwar deċiżjonijiet abbozzati bl-użu ta' interazzjoni informali bi proġett pilota. Din l-interazzjoni ma tiħux post il-proċess formali tar-reġistrant biex jikkummenta, u l-obbligu li jipprovdli informazzjoni ulterjuri bl-użu ta' dossier aġġornat. B'mod globali, l-interazzjoni ntlaqgħet tajjeb mir-reġistranti.

Fl-2010 intlaħaq titjib ulterjuri fil-pariri ġenerali mogħtija lir-reġistranti dwar problemi ta' evalwazzjoni: pereżempju, fir-rapport annwali dwar il-progress dwar l-evalwazzjoni ta' REACH għall-2009, ippublikat fuq is-sit elettroniku tal-ECHA fi Frar 2010, ġew ipprovduti rakkomandazzjonijiet dettaljati għar-reġistranti.

Qbil komuni dwar ir-relazzjoni bejn l-eżaminazzjoni ta' proposti għall-ittejtjar u l-kontrolli tal-konformità huwa essenzjali għall-funzjonament tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qafas regolatorju tar-Regolament REACH. Ġie organizzat workshop mill-ECHA f'April 2010 fl-ambitu ta' eżaminazzjoni ta' proposti għall-ittejtjar. Intlaħaq qbil li jstabilixxi li d-deċiżjoni dwar il-proposta għall-ittejtjar *per se* għandha tindirizza biss il-punt aħħari indirizzat mill-proposta għall-ittejtjar. L-eżaminazzjoni tal-proposta għall-ittejtjar għandha wkoll, kif xieraq, tinkludi l-eżaminazzjoni tar-riżultati tat-testi li huma direttament interkonnessi mat-test propost. L-ECHA m'għandhiex tagħmel kontroll tal-konformità meta qed tiġi eżaminata proposta għall-ittejtjar. Madanakollu, disparità fid-dejta osservata m'għandhiex tkun injorata u tista' twassal għal deċiżjonijiet ta' kontroll tal-konformità.

L-ECHA bdiet tipprepara għal sottoattività kbira u ġdida fl-2010, l-aktar l-evalwazzjoni tas-sustanzi. F'Ottubru, ospitat w orkshop biex jiġi diskuss l-ambitu tal-evalwazzjoni tas-sustanzi, il-kriterji li għandhom jiġu użati għall-prijoritizzazzjoni u l-għażla ta' sustanzi għall-evalwazzjoni tas-sustanzi, u l-proċess għat-tnedija ta' Pjan ta' Azzjoni Komunitarju Kontinwu (CoRAP). Intlaħq qbil dwar l-ambitu ġenerali għall-evalwazzjoni tas-sustanzi bejn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-ECHA u, dwar il-kriterji ta' prioritizzazzjoni għall-evalwazzjoni ta' sustanzi, kien hemm qbil ġenerali li l-kriterju għandu jkopri l-aspetti perikolużi u ta' espożizzjoni, u li għandhom ikunu flessibbli u sempliċi fil-fażi inizjali tal-iżvilupp tal-CoRAP. Bl-esperjenza, il-kriterji jiġu rfinati u żviluppjati b'mod ulterjuri. Kien hemm ukoll qbil ġenerali dwar il-proċessi u ż-żminijiet mogħtija għat-tnedija tal-ewwel CoRAP. Il-CoRAP se tkopri perjodu ta' tliet snin u se tkun aġġornata kull sena. L-Istati Membri ġew mistiedna biex jirreflettu dwar il-kapaċità tagħhom għall-evalwazzjoni tas-sustanzi fis-snin li ġejjin.

Fl-istess w orkshop, l-ECHA indirizzat l-approċċ sistematiku tagħha fl-għażla tad-dossiers għall-kontrolli tal-konformità bbażat fuq sett pragmatiku ta' kriterji. Tali kriterji ġew żviluppjati u użati dejjem aktar fl-2010, hekk kif in-numru ta' dossiers sottomessi għar-reġistrazzjoni żdied. Il-kriterji huma flessibbli u jippermettu evoluzzjoni maż-żmien. L-ECHA fil-mument qed tagħti prijorità lil kontrolli tal-konformità bbażati fuq is-sett ta' kriterji mfassla f' REACH, selezzjoni aleatorja, u selezzjoni skont it-tfassi. Fil-każ ta' selezzjoni skont it-tfassi, l-ECHA żviluppjati żewġ tipi ta' kriterji: kriterji marbuta mal-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità u kriterji relatati mar-relevanza għall-użu sikur f'każ ta' nuqqas ta' konformità potenzjali. Il-kriterji jistgħu jkunu kombinati u mtejba, sabiex isir l-aqwa użu mir-riżorsi għad-dispożizzjoni.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Jiġu ppreparati deċiżjonijiet abbozzati fuq bażi xjentifika b'konformità mar-rekwiżiti legali.

Indikaturi & Miri tal-Prestazzjoni

Indikatur	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' kontrolli tal-konformità ttrattati fil-perjodu ta' żmien legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Perċentwal ta' proposti għall-ittestjar eżaminati fil-perjodu ta' żmien legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Perċentwal ta' deċiżjonijiet abbozzati aċċettati b'mod unanimu mill-MSK.	90%	Rapport intern annwali	100%
Numru ta' appelli miċħuda.	0	Rapport intern annwali	0

Punti Ewlenin

- Ir-rapport annw ali dwar il-progress tal-evalwazzjoni ta' REACH għie ppublikat fi Frar 2010.
- Persunal ġdid għie impjegat u integrat bl-użu ta' taħriġ xjentifiku u amministrattiv/legali maħluq b'mod speċifiku, akkumpanjat minn taħriġ fuq il-post tax-xogħol għal staff subaltern. Ġew organizzati seminars u workshops avanzati sabiex jiġġeddu l-kompetenzi xjentifiċi ta' staff aktar esperjenzat.
- Inbeda b'suċċess it-tfassil ta' kriterji għall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi għall-evalwazzjoni ta' sustanzi.
- Tabelli 4 u 5 jirrapportaw dwar statistiċi tal-proċessi għall-evalwazzjoni ta' dossiers fl-2010. Analiżi dettaljata tal-istatistiċi tal-evalwazzjoni tal-2010 għet ipprovduta fir-rapport annw ali dwar il-progress tal-evalwazzjoni ta' REACH ippublikat fuq is-sit elettroniku tal-ECHA sat-28 ta' Frar 2011.

Tabella 4: Farsa ġenerali lejn l-eżaminazzjoni ta' proposti għall-ittestjar fl-2010

Total ³	Dossiers bi studji vertebrati	Deċiżjonijiet abbozzati ⁴	Deċiżjonijiet finali	Terminat ⁵	Imxew għall-2011 ⁶
123	99	8	4	3	116

Tabella 5: Farsa ġenerali lejn il-kontrolli tal-konformità

Punti	Total	Fid-dettall
Kontrolli tal-konformità 2010	70	
• Deċiżjonijiet finali		12
• Ittri dwar l-osservazzjoni ta' kwalità		33
• Mitmuma mingħajr azzjoni		25
Kontrolli ta' kwalità għadhom għaddejjin fi tmiem is-sena u mgħoddja mill-2010 għall-2011	81	
• Li minnhom huma deċiżjonijiet abbozzati mibgħuta lir-reġistranti		21

³ Numru totali ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti għall-ittestjar fl-2010, minkejja l-istatus preżenti tagħhom.

⁴ Deċiżjonijiet abbozzati li ma sarux finali sal-31 ta' Diċembru 2010.

⁵ Mitmuma fil-livell ta' teħid ta' deċiżjoni wara infommazzjoni ulterjuri pprovduta mir-reġistrant (eż. waqfien ta' manifattura, tnaqqis fit-tunnellaġġ jew twaqqiġ tal-proposta għall-ittestjar).

⁶ Eżaminazzjoni tal-proposti għall-ittestjar li ma ġewx finalizzati sa tmiem l-2010 u se jkomplu fl-2011.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Awtorizzazzjoni

L-inkarigi tal-ECHA relatati mal-awtorizzazzjoni jinkludu l-preparazzjoni u l-aġġornar tal-hekk imsejħa 'Lista ta' Kandidati' tas-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs); b'mod regolari tipprepara rakkomandazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea dwar sustanzi mill-Lista ta' Kandidati biex tkun inkluża fl-hekk imsejħa 'Lista ta' Awtorizzazzjoni' – il-Lista ta' Sustanzi Soġġetti għall-Awtorizzazzjoni (Anness XIV); u, fil-ġejjieni, l-immaniġġjar ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

Xogħol fuq l-analiżi u l-għażla tas-sustanzi li jistgħu jiġu identifikati bħala SVHCs qed jiżviluppa sew, b'kollaborazzjoni kbira mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. L-identifikazzjoni ta' sustanzi li għalihom l-elankar bħala Kandidati u l-inklużjoni possibbli fl-Anness XIV huma strumenti regolatorji effettivi biex jiproteġu s-saħħa umana u ambjentali, jidhru li jirrekjedu sforzi konsiderevoli. In-numru ta' sustanzi li ġew miżjuda fil-Lista ta' Kandidati fl-2010 jista' ma jkunx biżżejjed biex jintlaħaq l-oġġettiv espress mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2010.

L-ECHA rċiviet 19-il proposta ġdida għall-identifikazzjoni ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna mill-SM, li kien inqas milli mistenni. Wara l-konsultazzjonijiet pubbliċi, li w aqthom ġew irċeveuti 620 kumment differenti, il-Kumitat tal-Istati Membri qabel fuq l-istatus ta' SVHC ta' dawn is-sustanzi, li w assal għall-inklużjoni ta' tmienja minnhom fil-Lista ta' Kandidati f'Ġunju u tmienja f'Diċembru 2010. Tliet sustanzi ma ġewx inklużi fil-Lista ta' Kandidati għax il-Kumitat tal-Istati Membri kkunsidra li skont l-informazzjoni għad-dispożizzjoni ma kienx possibbli li tintlaħaq konklużjoni dwar l-identifikazzjoni ta' dawn is-sustanzi bħala SVHCs b'konformità mal-Artikolu 57(f) tar-Regolament REACH. Sal-aħħar tal-2010 in-numru globali ta' SVHCs inklużi fil-Lista ta' Kandidati kien ta' 46.

Mid-data tal-inklużjoni ta' sustanza fil-Lista ta' Kandidati, fornituri fl-UE jew fiż-ŻEE ta' oġġetti li fihom dawn is-sustanzi f'konċentrazzjoni oġġla minn 0.1% (w/w) għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom jew, fuq talba, lil konsumatur, l-informazzjoni biżżejjed li għandom għad-dispożizzjoni, biex ikun hemm użu sikur tal-artikolu.

Kumpaniji ġabu rikorsi għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali kontra l-identifikazzjoni mill-ECHA ta' seba' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna. Bħala rispons, l-ECHA ppreparat u ppreżentat fil-Qorti Ġenerali oġġezzjonijiet kontra l-ammissibbiltà ta' dawn ir-rikorsi. F'każ wieħed, rikors minn kumpanija għal miżuri temporanji ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali⁷.

Kif ipplanat, l-ECHA baġtet it-tieni rakkomandazzjoni tagħha għall-inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità fuq il-Lista ta' Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni f'Diċembru. Ġiet rakkomandata l-inklużjoni ta' tmien sustanzi mill-Lista ta' Kandidati u ġew imfassla suġġerimenti għad-dati ta' applikazzjoni u ta' terminazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni kienet appoġġjata minn opinjoni pożittiva tal-Kumitat tal-Istati Membri u ħadet f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq, kummenti minn partijiet interessati – w ara l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika li kien seħħ kmieni fis-sena.

L-ECHA analizzat dejta aċċessibbli pubblikament dwar l-użi u l-espożizzjoni għal 35 sustanza bi profili CMR jew PBT biex tanalizzahom b'mod preliminari fir-rigward tal-bżonn li jiġu identifikati bħala SVHCs / tinkludihom fil-Lista ta' Kandidati, u fir-rigward ta' miżuri potenzjali għall-immaniġġjar tar-riskji ulterjuri. Fuq il-bażi ta' analiżi b'mod preliminari, il-Kummissjoni talbet li l-ECHA taħdem biex tipprepara dossiers għall-identifikazzjoni ta' ħames sustanzi bħala SVHCs: l-ECHA bdiet taħdem fuq dawn is-sustanzi fil-ħarifa 2010.

⁷ Każ T-1/10 R: Ordni tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2010.

Filw aqt li tistenna d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ewwel lista ta' Awtorizzazzjoni, l-ECHA wettqet firxa ta' attivitajiet preparatorji sabiex tipprovdi l-appoġġ meħtieġ (gwidi, formats u għodda tal-IT) lill applikanti potenzjali, u ppreparat proċessi interni u proċeduri tax-xogħol għall-immaniġġjar ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni. L-għan hu li tkun lesta għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mid-data ta' dħul fis-seħħ tal-Anness XIV emendat ta' REACH (21 ta' Frar 2011).

Restrizzjonijiet

Il-karigi ewlenin tal-ECHA relatati mal-proċedura ta' Restrizzjoni huma (1) l-immaniġġjar tal-konsultazzjoni u l-proċess tal-iffurmar tal-opinjoni għal proposti magħmula mill-Istati Membri (jew mill-ECHA stess) u (2) il-preparazzjoni, fuq talba tal-Kummissjoni, ta' proposti għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda jew l-emendar ta' daw k kurrenti.

L-ECHA ppreparat, fuq il-bażi ta' talba lill-Kummissjoni, dossier ta' restrizzjoni ta' Anness XV dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-merkurju fi strumenti tal-kejl. Dan id-dossier, li kien sottomess f'Ġunju 2010, iffoka fuq id-dispożizzjoni ta' alternattivi aktar sikuri, li huma teknikament u ekonomikament possibbli bbażati fuq klaw żola ta' eżami inkluża fir-restrizzjoni preżenti fuq ċerti strumenti ta' kejl li fihom il-merkurju u t-talba tal-Kummissjoni.

Wara l-kontrolli tal-konformità li saru mill-Kummissjoni għall-Istima tar-Riskji (RAC) u tal-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC), l-ECHA niedet konsultazzjonijiet dwar erba' dossiers ta' restrizzjoni⁸. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi ġew finalizzati f'Diċembru u rriżultaw f'60 kumment totali. B'mod parallel mal-konsultazzjoni pubblika, l-iżvilupp tal-opinjoni jiet tar-RAC u tas-SEAC dwar dawn l-erba' restrizzjonijiet suġġeriti baqa' għaddej u se jkun iffinalizzati fl-2011.

Fuq talba ulterjuri tal-Kummissjoni, l-ECHA evalwat provi xjentifiċi ġodda dwar ir-restrizzjonijiet ta' ftalati fil-Lista ta' Restrizzjonijiet⁹ u sottomettiet ir-rapporti ta' analiżi tagħha lill-Kummissjoni f'Marzu. Fuq il-bażi ta' kummenti rċevuti mill-Istati Membri u azzjonisti, l-ECHA ffinalizzat ir-rapporti ta' analiżi u ppublikathom fuq is-sit elettroniku tagħha. Il-konklużjoni ta' dawn ir-rapporti ta' analiżi kienet li l-informazzjoni għad-dispożizzjoni ma tindikax bżonn għal rieżaminazzjoni urġenti tar-restrizzjonijiet eżistenti u li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk azzjoni ulterjuri hux se tkun bżonnjuża wara li l-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni tkun għaddiet. Wara din ir-rakkomandazzjoni l-Kummissjoni talbet f'Diċembru 2010 li l-ECHA tkompli f'xogħolha fuq il-ftalati.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

Awtorizzazzjoni

1. Lista ta' kandidati aġġornata dwar sustanzi ta' fħassib serju ħafna (SVHC) hi ppreparata fi żmien ħames xhur minn meta l-ECHA rċiviet id-dossiers mill-Istati Membri, jew is-sottomissjoni ta' dossiers ippreparati mill-ECHA fuq talba tal-Kummissjoni.
2. L-ECHA tipprovdi għajnuna lill-Kummissjoni, ta' kwalità teknika u xjentifika għolja fil-perjodu ta' żmien legali, fl-għażla tas-sustanzi għall-awtorizzazzjoni u fil-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni.

⁸ Franza sottomettiet dossiers ta' restrizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' DMF f'oġġetti u għall-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' ċomb fil-ġojjellerija f'April 2010. In-Norveġja sottomettiet dossier ta' restrizzjoni għall-manifattura, kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' ħames sustanzi fenilmerkurju f'applikazzjonijiet poljuretani f'Ġunju 2010.

⁹ Anness XVII tar-REACH

Restrizzjonijiet

1. L-ECHA tipprepara proposti ta' restrizzjoni fuq it-talba tal-Kummissjoni u timmaniġġja d-dossiers kollha fil-proċess ta' restrizzjoni bi kwalità xjentifika u teknika ta' livell għoli u fil-perjodu ta' żmien legali.

Indikaturi & Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenzi ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' dossiers SVHC ittrattati fil-perjodu ta' żmien legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Perċentwal ta' dossiers ta' restrizzjoni ttrattati fi żmien il-perjodu ta' żmien legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, MSCAs u l-Kumitati tal-ECHA bil-kwalità ta' appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għoli	Sħarriġ annwali	MSCA: Medju KUMITATI: Għoli KE: Għoli

Punti Ewlenin

- Il-Lista ta' Kandidati ġiet aġġornata darbtejn.
- Tmien sustanzi ġew mogħtija prijorità mil-Lista ta' Kandidati u rakkomandazzjoni għall-inklużjoni tagħhom fl-Anness XIV ġiet sottomessa lill-Kummissjoni.
- Saru kontrolli ta' konformità fuq it-tliet dossiers ta' restrizzjoni sottomessi lill-ECHA u nbdiel il-konsultazzjoni pubblika u l-iffurmar tal-opinjoni.
- Ġie ppreparat dossier ta' restrizzjoni għall-merkurju fi strumenti ta' kejl mill-ECHA u nbdiel il-konsultazzjoni pubblika u l-iffurmar tal-opinjoni dwar ir-restrizzjonijiet suġġeriti.
- Rapporti ta' analiżi dwar sitt ftalati ristretti ġew ippreparati u sottomessi lill-Kummissjoni.
- Eżempji għall-industrija dwar ix-xenarju ta' espożizzjoni ġew żviluppati u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.
- Ġew organizzati workshops dwar l-impatti fuq is-saħħa u l-ambjent u dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kimiċi.
- Biex jiġu appoġġjati l-Istati Membri fil-preparazzjoni, ġiet ippubblikata gwida għar-rapporti ta' restrizzjoni dwar kif jiġu kkalkulati l-ispejjeż għall-konformità.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Il-klassifikazzjoni tirrefletti l-perikli tal-kimiċi, u t-tikkettar jgħin biex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi u t-taħlitiet huma manifatturati, użati u jintremew b'mod sikur.

Klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati (CLH)

L-inkarigi ewlenin f'din l-attività fl-2010 kienu l-immaniġġjar ta' proposti għall-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi (proposti għas-CLH). Numru dejjem iżjed ta' proposti għas-CLH ġew irċevuti minn Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-ECHA rċiviet l-ewwel proposta CLH mill-industrija. Fit-total, 81 proposta kienu rċevuti fl-2010, li kien viċin ħafna ta' dak li kien ġie stmat. In-numru totali ta' proposti għas-CLH sottomessi fil-perjodu 2008 – 2010 ammonta għal 128.

Waqt l-2010, saru 30 kontroll tal-konformità. Peress li kważi nofs il-81 dossier kienu sottomessi f'Diċembru, il-kontrolli ta' konformità għall-ħafna mis-sustanzi se jitlestew biss fl-2011. Tniedet u tlestiet konsultazzjoni pubblika għal 30 sustanza. Ir-RAC iddiskuta l-proposti tas-CLH għal 26 minn dawn is-sustanzi u rnexxilu jikkonkludi d-diskussjonijiet b'opinjoni dwar 16-il sustanza.

Inventorju tal-K&T

L-ECHA għandha l-inkarigu li tistabbilixxi u timmaniġġja inventarju tal-K&T inventory ibbażat fuq in-notifiki mill-industrija. Is-sustanzi perikolużi kollha kkummerċjalizzati fl-1 ta' Diċembru 2010 u s-sustanzi kollha soġġetti għar-reġistrazzjoni REACH (indipendentement mill-proprjetajiet perikolużi tagħhom jew l-iskadenza rispettivi) kellhom jiġu notifikati minn qabel it-3 ta' Jannar 2011, li kienet l-aħħar ġurnata. Għas-sustanzi reġistrati skont REACH, l-ebda notifika addizzjonali ma kienet meħtieġa. L-ECHA rċiviet madwar 3.1 miljun notifika li jkopru madwar 107 000 sustanza differenti. In-numru ta' notifikati qabżu dak mistenni b'50%. Diversi għodda tal-IT għas-sottomissjoni ta' notifikati ġew żviluppati, ittestjatji u saru għad-dispożizzjoni tal-industrija matul is-sena. Oriġinarjament, kien maħsub li l-ewwel verżjoni tal-inventorju tkun ippubblikata matul is-sena; madanakollu, peress li ħafna min-notifiki waslu tard fis-sena, u l-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tal-IT għall-inventorju kellu jiġi pospost, ġie deċiż li l-ewwel verżjoni tkun ippubblikata fl-2011.

Talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi għas-sustanzi fit-taħlitiet

L-ECHA hi inkarigata wkoll mill-immaniġġjar tat-talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi għas-sustanzi fit-taħlitiet skont l-Artikolu 24 tar-Regolament CLP. Kumpaniji jistgħu jagħmlu tali talbiet għal sustanzi b'ċerti proprjetajiet perikolużi biex jiproteġu informazzjoni kunfidenzjali dwar in-negozju.

Il-proċessi għat-talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi ġew żviluppati aktar matul is-sena. Kif mistenni, fiż-żmien tal-kitba l-ECHA kienet għadha trid tirċievi xi talbiet.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Il-proposti kollha għall-K&T armonizzati mibgħuta mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u l-industrija huma pproċessati fil-perjodu ta' żmien legali u b'livell għoli ta' kwalità xjentifika.
2. Inventorju intermedju għall-K&T se jkun ippubblikat f'Diċembru 2010.

Miri u Indikaturi tal-Prestazzjoni

Indikatur	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Inventorju għall-K&T hu operazzjonali u ippubblikat.	Diċembru 2010	Bl-użu ta' mmaniġġjar ta' proġetti	Pospost għal Mejju 2011
Proposti għall-K&T armonizzati pproċessati fil-perjodu ta' żmien legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Livell ta' sodisfazzjon tal-MSAs u r-RAC bil-kwalità tal-appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għoli	Sfharrig annwali	MSA: Medju RAC: Għoli

Punti Ewlenin

- Ġew elaborati għodda għan-notifiki għall-K&T u ġie pprovdut parir tekniku lill-industrija dwar in-notifika tas-sustanzi lill-inventorju tal-K&T. Tlestiet b'suċċess kampanja bil-għan li tkabbar is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-għodda għan-notifika.
- Ġew irċevuti b'suċċess 3 114 835 notifika għal 107 067 sustanza.
- Ġie żviluppat aktar il-proċess għall-evalwazzjoni tat-talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi. Tnieda l-iżvilupp ta' formola fuq l-internet għas-sottomissjoni tad-dossier u kważi tlesta x-xogħol fuq manwal ta' sottomissjoni ta' IUCLID.
- 30 dossier għas-CLH pproċessat mill-ECHA.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Helpdesk

Aktar ma bdew joqorbu l-iskadenza tal-ewwel reġistrazzjoni u tal-K&T, in-numru ta' mistoqsijiet indirizzati lill-Helpdesk kien mistenni li jżied b'mod konsiderevoli mis-sena ta' qabel. Din l-istennija fil-fatt seħħet, bil-Helpdesk tal-ECHA jipprovdri risposti għal kważi 10 000 mistoqsija dwar ir-rekwiżiti ta' REACH u CLP, u problemi relatati mal-IT, sottomessi matul is-sena minn klijenti differenti mill-UE u minn barra l-UE. Iż-żmien medju għal soluzzjoni kien ta' 10.1 ġurnata ta' xogħol u 84% tal-mistoqsijiet sabu risposta fil-perjodu ta' żmien stabbilit.

F'Ottubru 2009, il-Helpdesk tal-ECHA kien stabbilixxa servizz speċjali għar-reġistranti. Bħala parti minn dan is-servizz, il-Helpdesk indirizza mistoqsijiet li tqajmu f'diversi webinarji tar-Reġistranti Prinċipali. Fil-kuntest ta' servizzi speċjali għar-reġistranti, attività ġdida ġiet introdotta mill-15 ta' Ġunju 2010 'il quddiem – speċifikament, servizz tat-telefon lejn barra biex jassistu lil reġistranti u notifikaturi meta jkunu waslu l-limiti ta' żmien għall-ewwel reġistrazzjonijiet u notifikati.

In-Netwerk tal-helpdesks ta' REACH u CLP (HelpNet) ġie użat biex tkun promossa l-armonizzazzjoni tar-risposti, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-użu tal-għodda HelpEx (HelpNet Exchange) u wkoll billi jiġu organizzati aġġornamenti armonizzati fuq dokumenti FAQ (REACH u CLP FAQs). Il-Helpdesk tal-ECHA pprovdra kummenti għal 204 mistoqsijiet HelpEx maħluqa mill-helpdesks nazzjonali u għamlet erba' aġġornamenti REACH u ħames aġġornamenti CLP FAQ¹⁰.

Is-Segretarjat tal-HelpNet organizza żewġ laqgħat formali tal-HelpNet Steering Group fl-2010, u żviluppa kooperazzjoni akbar mal-helpdesks nazzjonali ta' REACH u CLP, eż. billi żar ħafna minnhom. Barra minn hekk, diversi webinarji għat-taħriġ kienu organizzati, b'sessjoni speċifika organizzata fuq in-notifiki għall-K&T u l-għodod differenti tal-IT użati għas-sottomissjoni tan-notifiki, sabiex jippreparaw lill-helpdesks nazzjonali għal-limitu ta' żmien għan-notifiki.

Gwidi

Matul l-2010, l-ECHA offriet dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja filwaqt li tiżgura li l-partijiet interessati jaċċettaw, bil-għan li ttiprovdi parir u assistenza lill-industrija dwar ir-Regolamenti REACH u CLP. Madanakollu, sar qbil fid-Director's Contact Group fl-ewwel nofs tal-2010, dwar il-fatt li l-ħruġ ta' diversi dokumenti ta' gwida jiġu posposti sa wara l-ewwel limitu ta' żmien għar-reġistrazzjoni; dan seħħ peress li beda jinħass b'żonn qawwi għal gwida stabbli aktar ma beda jasal il-limitu ta' żmien u hekk kif l-industrija kellha b'żonn tiffoka r-riżorsi tagħha fuq ir-reġistrazzjoni u n-notifika fil-ħin – li ma jħallihomx jikkontribwixxu fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar id-dokumenti ta' gwida. Minkejja d-deċiżjoni tal-ECHA dwar moratorju fuq l-aġġornamenti għall-gwida (Ġunju - Novembru 2010), ħafna mill-aġġornamenti tal-gwida u diversi dokumenti ta' gwida ġodda ġew ippubblikati kif ippjanat, jew qabel jew wara l-moratorju.

¹⁰ L-ECHA tippublika Mistoqsijiet Magħmula ta' Spiss (FAQs) dwar ir-REACH u s-CLP fuq is-sit elettroniku tagħha, li jindirizzaw sitwazzjonijiet ġenerali li għandhom l-għan li jassistu lil dawk li m'għandhomx għarfien dettaljat fuq ir-REACH, is-CLP u l-għodda tal-IT tal-ECHA.

L-aċċessibbiltà għall-gwida tjebet mal-pubblikazzjoni ta' żewġ *Karti ta' Fatti* ġodda, diversi paġni ġodda fuq l-internet għal proċessi REACH u CLP u bl-iżvilupp ta' terminoloġija REACH. L-ECHA ppubblikat ukoll 10 Gwidi Prattiċi li jipprovdu lil kumpaniji b'informazzjoni Prattika dwar l-aqwa prattiki fir-rigward tar-rekwiżiti REACH u CLP. Barra minn hekk, REACH Navigator u xi paġni fuq l-internet relatati mal-gwidi saru aċċessibbli fi 22 lingwa tal-UE.

It-taħriġ għal REACH u CLP

It-taħriġ għal REACH u CLP kien ipprovdut l-aktar fil-forma ta' webinarji fl-2010, bil-Ħelpdesk tal-ECHA jikkontribwixxi l-aktar fl-amministrazzjoni u s-segwitu ta' sessjonijiet ta' Q&A. L-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ b'fokus speċjali fuq it-taħriġ tal-MSCA's (eż. fuq l-aċċess għal funzjonalitajiet ta' REACH-IT MSCA) ġiet posposta għall-2011. Importanza mbagħad ingħatat lit-taħriġ ta' ħelpdesks nazzjonali ta' REACH u ta' CLP (bl-użu ta' taħriġ ta' HelpNet) minħabba l-limiti ta' żmien għar-reġistrazzjoni ta' REACH u n-notifiki CLP li bdew joqorbu.

Waqt l-iStakeholders' Day f'Ottubru, ġew mogħtija sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-għodda għan-notifiki għall-K&T u dwar is-sottomissjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni.

Attivitajiet li jkabbru s-sensibilizzazzjoni dwar in-notifiki għall-K&T u l-għodda tal-IT għall-użu ġew ferm promossi mill-ECHA fl-Istati Membri fl-2010.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-industrija tirċievi appoġġ fil-ħin u effiċjenti mill-Ħelpdesk, u bl-użu ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, għas-sottomissjoni tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom u n-notifiki CLP.
2. Appoġġ hu pprovdut għall-implimentazzjoni ta' REACH fl-Istati Membri mit-taħriġ ta' daw k li jħarrġu.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' domandi Ħelpdesk risposti fil-limitu ta' żmien stabbilit (medja ta' 15-il ġurnata għal domandi apparti dawk dwar il-ġestjoni tal-utenti fuq REACH IT).	Mhux inqas minn 75%	Rapport dwar l-Oġġett tan-Negozju / kull xahar	84%
Nru. ta' aġġornamenti FAQ bi qbil ma' korrispondenti tal-ħelpdesk REACH u CLP u pubblikati fuq il-web. ¹¹	Tal-inqas 3	Rapport annwali	4
Perċentwal ta' risposti b'kummenti mill-ECHA għal domandi sottomessi lill-HelpEx minn ħelpdesks nazzjonali, fil-limitu taż-żmien stipulat mill-oriġinatur tal-mistoqsija.	Mhux inqas minn 75%	Rapport dwar l-Oġġett tan-Negozju / kull xahar	86%
Perċentwal ta' dokumenti ta' gwida ppubblikati fuq l-internet skont il-pjan.	Mhux inqas minn 75%	Rapport annwali	100%
Livell ta' sodisfazzjon espress fil-kummenti mill-utenti tal-gwidi	Għoli	Stħarriġ annwali	Medju
Livell ta' sodisfazzjoni mill-kwalità tal-avvenimenti ta' taħriġ REACH	Għoli	Kummenti tal-Parteċipanti / Annwali	Għoli ¹²

¹¹ Erba' aġġornamenti FAQ ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ECHA wara qbil mal-korrispondenti tal-ħelpdesk REACH u CLP, filwaqt li ħames aġġornamenti oħra ġew ippubblikati wara li l-problemi ġew indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea, mingħajr konsultazzjoni ulterjuri mill-HelpNet Steering Group.

¹² Il-kummenti ġejjin mill-avvenimenti ta' taħriġ għall-HelpNet relatati ma' REACH u CLP.

Punti ewlenin

Helpdesk

- Iw ieġeb 9 953 mistoqsija dwar ir-rekwiżiti ta' REACH u CLP u dwar problemi relatati mal-IT.
- Kummenti pprovduti dwar 204 mistoqsija HelpEx.
- Żewġ FAQs REACH aġġornati bi proċedura ta' kitba u żewġ FAQs REACH mibdija minn deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, żewġ FAQs CLP aġġornati bi proċedura ta' kitba u tliet FAQs CLP mibdija minn deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea.
- Żewġ laqgħat organizzati mill-HelpNet Steering Group; l-aħħar waħda b'workshop ta' taħriġ back-to-back dwar notifiċi għall-K&T li jipprovdu pariri prattiċi. Kien hemm ukoll workshop ta' taħriġ REACH dwar is-Sottomissjoni Konġunta għal membri reġistranti li ġie mogħti f'forma ta' webinarju.
- Żjara f'disa' Helpdesks nazzjonali fil-kuntest ta' programm ta' żjarat lill-Helpdesks li ntemm fl-2010.
- Organizzazzjoni ta' sessjonijiet individwali għal Q&A sabiex jiġu mwieġba mistoqsijiet individwali fiż-żewġ Stakeholders' Days tal-ECHA fl-2010.

Gwidi

- Tnax-il aġġornament ta' dokumenti ta' gwida u żewġ dokumenti ta' gwida ġodda ppubblikati:
 - > Gwida dwar il-Use Descriptor System
 - > Gwida għal Annex V
 - > Gwida dwar is-sustanzi mill-iskart u sustanzi rkuprati
 - > Gwida għall-intermedji
 - > Gwida dwar ir-rekwiżiti ta' infomazzjoni l-valutazzjoni tas-sigurtà kimika
 - Gwida għall-Format ta' Xenarju ta' Espożizzjoni
 - Xenarji ta' espożizzjoni li jiddeskriv u kundizzjonijiet strettament kontrollati u kundizzjonijiet li jikkontrollaw ir-rilaxx mill-matriċi tal-oġġett
 - Gwidi dwar adattazzjonijiet ibbażati fuq l-espożizzjoni
 - Bini ta' xenarju ta' espożizzjoni u stima ta' rilaxx fl-ambjent għall-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-iskart
 - Gwida dwar id-derivazzjoni ta' DNELs/DMELs mid-dejta umana
 - Stim ta' espożizzjoni tal-ewwel saff
 - espożizzjoni ambjentali
 - espożizzjoni okkupazzjonali
 - espożizzjoni tal-konsumatur
 - > Gwida dwar il-Komunikazzjoni ta' Riskji
 - > Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar amonizzati (dossiers CLH).
- Żewġ Karti ta' Fatti ippubblikati:
 - > Karta ta' Fatti dwar is-sustanzi mill-iskart u sustanzi rkuprati
 - > Karta ta' Fatti dwar il-Use Descriptor System.
- Għaxar Gwidi Prattiċi ppubblikati:
 - > Kif tirrapporta dejta in vitro
 - > Kif tirrapporta l-importanza tal-evidenza
 - > Kif tirrapporta taqsiert robusti ta' studju
 - > Kif tirrapporta rinunzja ta' dejta
 - > Kif tirrapporta (Q)SARs
 - > Kif tirrapporta read-across u kategoriji
 - > Kif tirrapporta bidliet fl-identità ta' entitajiet legali
 - > Kif tinnotifika sustanzi fl-iventorju tal-K&T
 - > Kif tagħmel regjistrazzjoni bħala membru ta' sottomissjoni konġunta
 - > Kif tevita ttestjar bla bżonn fuq l-annimali.

- REACH Navigator u xi paġni relatati mal-gwida fuq l-internet li saru aċċessibbli fil-lingwa uffiċjali tal-UE bħala mod biex tiżdied l-aċċessibilità ta' dokumenti ta' gwida għall-industrija, b'mod partikolari għall-SMEs.

Taħriġ għal REACH u CLP

- 17-il webinarju għal udjenzi mmirati organizzati u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ECHA, bil-preżentazzjonijiet li saru aċċessibbli fit-22 lingwa uffiċjali tal-EU.
- Ġew organizzati tliet webinarju għall-helpdesks nazzjonali REACH u CLP.
- Preżentazzjonijiet u taħriġ ipprovduti meta mitluba w aqt iż-żjarat tal-Helpdesks.

Tabella 6: Numru, perċentwal u żmien medju għas-soluzzjoni għal mistoqsijiet imwieġba waqt l-2010

Topik		Numru ta' mistoqsijiet imwieġba	%	Ħin medju għas-soluzzjoni (nru. ta' ġranet)
REACH		1503	15.1%	15.5
CLP		374	3.8%	13.3
IUCLID 5		1829	18.4%	9.0
CHESAR		169	1.7%	9.1
REACH-IT		1197	12.0%	7.4
REACH-IT	Immaniġġjar tal-utent	2842	28.6%	4.1
Sottomissjonijiet		2039	20.5%	11.8
Total		9953	100%	10.1

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Il-fokus fl-2010 kien fuq l-iżvilupp u/jew it- tkabbir tal-għodda tal-IT biex tiġi żgurata sottomissjoni u pproċessar ta' dossiers ta' reġistrazzjoni u notifiki mexxejja fl-inventorju tal-K&T. Għal dan il-għan, is-sistema ewlenija tal-ECHA, REACH-IT, ġiet mibnija mill-ġdid sabiex tiżjed l-effiċjenza u tikber sabiex tkun tista' tilqa' 75 000 reġistrazzjoni u diversi miljuni ta' notifiki għall-K&T. Il-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-utenti tal-industrija ġew mogħtija u ffriżati sitt xhur qabel il-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni, filwaqt li d-data importanti għall-iżvilupp tal-funzjonijiet tal-Aġenzija kienet fil-bidu ta' Ottubru meta l-magħgoranza tal-passi għall-ipproċessar tad-dossiers ġew awtomatizzati. L-ECHA bdiet tipprepara w koll għall-eventwalità li REACH-IT ma tlaħħaqx maż-żieda enormi f'daqqa ta' dossiers deħlin u żviluppat sistema ta' back-up. Madanakollu, is-sistema ta' back-up ma ġietx użata għax REACH-IT irnexxielha tipproċessa d-dejta sottomessa kollha mingħajr problemi.

L-għodda tal-IT għar-reġistranti u n-notifikaturi ġew żviluppati w koll intensament matul is-sena. IUCLID ġiet adattata għar-Regolament il-ġdid CLP u l-verżjoni l-ġdida, IUCLID 5.2, ġiet ippubblikata fi Frar 2010. Flimkien magħha kien hemm programmi żgħar li jippermettu lil reġistranti biex jiċċekkjaw il-kompletezza tad-dossiers ta' reġistrazzjoni REACH tagħhom; l-informazzjoni li se tkun imxerrda fuq is-sit elettroniku tal-ECHA mid-dossiers tagħhom; u l-ħlasijiet għar-reġistrazzjoni tagħhom, minn qabel is-sottomissjoni tad-dossiers. Minn dawn, il-programm żgħir għall-verifika ta' kompletezza teknika b'mod partikolari instab li kien ta' importanza kbira, peress li r-rata ta' suċċess tal-verifika ta' kompletezza żdiedet malajr għal aktar minn 90% wara l-pubblikazzjoni tal-għodda, u laħqet it-98% sal-limitu taż-żmien.

L-għodda tal-ECHA għall-verifika tas-sikurezza ta' kimiċi, CHESAR, ukoll ġiet ippubblikata fl-2010. Minkejja li l-pubblikazzjoni f'Mejju, segwita minn aġġornament li jippermetti l-ġenerazzjoni ta' rapporti sħaħ dwar is-sikurezza ta' kimiċi f'Lulju, kien pjuttost tard għal ħafna kumpaniji li kienu qed jippreparaw għal-limitu ta' żmien tal-2010 għar-reġistrazzjoni, il-kummenti li ġew irċevuti mill-industrija kienu ferm pożittivi.

Hekk kif l-obbligu għal notifika lill-inventarju tal-K&T laqat lil ħafna aktar kumpaniji mir-reġistrazzjoni tal-2010, u l-kumpaniji kienu ta' varjetà wiesgħa, kien importanti li jiġu offruti għodda differenti li jmorru mal-bżonnijiet differenti tan-negozji tan-notifikaturi. L-ECHA pprovdiet tliet għodod b'kollox: għaldaqstant, kien possibbli li jiġu sottomessi notifiki jew bħala fajl IUCLID bl-użu ta' REACH-IT; direttament fuq l-internet b'REACH-IT; jew billi tintuża l-għodda ta' sottomissjoni ta' volumi kbar li tippermetti sottomissjoni ta' notifiki għal sustanzi multipli minn notifikaturi multipli f'daqqa. L-għodda ta' sottomissjoni ta' volumi kbar bil-funzjonalitajiet ta' għajjuna estensivi tagħha saret aċċessibbli fi 22 lingwa tal-UE f'Mejju 2010.

Il-fokalizzazzjoni fuq l-iżgurar ta' reġistrazzjonijiet u notifiki b'suċċess għandha l-iżvantaġġ li r-riżorsi tteħdu minn proġetti oħra. Għaldaqstant, l-iżvilupp tal-IT relatat mal-attivitajiet ta' tixrid ipproċeda pjuttost bil-mod sa lejn it-tmiem tal-2010, u xekkel il-pubblikazzjoni ta' dejta ta' reġistrazzjoni bi kwantitajiet kbar. Madanakollu, ġie ppjanat li tiġi ppubblikata l-informazzjoni meħtieġa mir-reġistrazzjonijiet kollha rċevuti fl-2010 b'mod gradwali matul is-sena. Importanti w koll, l-informazzjoni fuq is-sit elettroniku tat-tixrid intrabat b'suċċess mal-eChemPortal tal-OECD biex jippermetti l-użu internazzjonali tal-informazzjoni dwar il-kimiċi miġbura mill-ECHA.

Bl-istess mod, ir-riallokazzjoni tar-riżorsi ttardjat l-iżvilupp tal-portal RIPE għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri. Madanakollu, l-Aġenzija bdiet l-iżvilupp tal-applikazzjoni fis-sajf tal-2010 u l-ewwel iterazzjoni tal-applikazzjoni kienet lesta sa tmiem l-2010. L-aħħar ħarġa tal-applikazzjoni hi ppjanata għall-aħħar trimestru tal-2011.

Filwaqt li l-2010 kienet is-sena biex jiġu rċevuti u mmaniġġjati r-reġistrazzjonijiet u n-notifiki kienet ukoll is-sena biex jiġu ppreparati l-inkarigi ta' evalwazzjoni stabbiliti mir-Regolament REACH. Għal dan il-għan, l-ECHA żviluppat u ttestjat l-ewwel verżjoni tal-għodda għall-analiżi u prijoritizzazzjoni tagħha, Casper, li sal-aħħar tal-2010 kienet lesta biex issostni b'mod effiċjenti l-inkarigi ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-għodda għall-appoġġ tad-deċiżjoni tal-evalwazzjoni, Odyssey, kienet tlestiet fil-parti l-kbira tagħha sal-aħħar tal-2010 sabiex l-ewwel verżjoni setgħet tibda tiġi prodotta fil-bidu tal-2011. Din l-għodda, effettivament sistema ta' appoġġ tad-deċiżjoni tal-evalwazzjoni bbażata fuq l-esperti, tipprovdi lill-uffiċjali xjentifiċi mod aċċessibbli għad-dokumenti ta' gwida u tippermetti proċedura traċċabbli għall-evalwazzjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni, għaldaqstant tiggarantixxi funzjoni ta' evalwazzjoni effiċjenti u konsistenti.

Fl-aħħar nett, ġie żviluppat sostenn għall-immaniġġjar ta' dokumenti tal-IT għall-volumi ta' xogħol relatati mal-immaniġġjar ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) bħala l-proġett pilota inizjali fil-kuntest ta' programm ta' Enterprise Content Management (ECM) aktar wiesgħa li se jkopri ħafna mill-proċess operazzjonali tal-ECHA. L-analiżi għall-estensjoni tal-ECM biex tkopri l-volumi ta' xogħol relatati mal-evalwazzjoni ġiet konkluża fi tmiem is-sena u l-implimentazzjoni hi ppjanata għall-2011.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-ECHA kapaċi tirċievi u tipproċessa d-dossiers ta' reġistrazzjoni kollha għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u n-notifiki għall-K&T kollha, soġġetti għall-ewwel limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni fl-2010 u kmieni fl-2011, bl-assistenza ta' għodda u bażi tad-dejta ta' REACH-IT funzjonanti u aġġornati, u r-reġistranti huma appoġġjati minn għodod ta' IT speċjalizzati (IUCLID 5 u CHESAR).

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultati 2010
Perċentwal ta' moduli ta' softwer għall-għodod differenti tal-IT li ttestew skont l-iskeda.	Mhux inqas minn 80%	lppjanar ta' proġetti: Rapportar dwar l-attività ta' kull x aħir	80%

Punti Ewlenin

REACH-IT

- REACH-IT ġiet mibnija mill-ġdid, imkabbra u ttestjata biex tlaħħaq tlieta jew erba' darbiet aktar min-numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni u notifiki għall-K&T mistennija fix-xenarju bażi, jiġifieri sa 75 000 dossiers ta' reġistrazzjoni u diversi miljuni ta' notifiki għall-K&T.
- Tħejjiet sistema ta' back-up sabiex tirċievi sottomissjonijiet f'każ ta' inaċċessibbiltà tas-sistema REACH-IT.

- Ġie pprovdut sett ta' għodod biex ikopri l-bżonnijiet differenti tal-industrija biex jissottomettu n-notifiki għall-K&T tagħhom. Is-sistema REACH-IT ġiet aġġornata biex tirċievi u tipproċessa n-notifiki li deġin.

IUCLID 5

- Sar titjib immexxi mill-partijiet interessati, inkluża l-introduzzjoni ta' mudelli armonizzati ġodda tal-OECD biex jiġu rraportati riżultati ta' studju; rekwiżiti ġodda li ġew mir-Regolament CLP; u titjib fl-interfaċċja bejn IUCLID 5 u sistemi tal-IT oħra b'mod partikolari REACH-IT u CHESAR. Inħolqot serje ta' programmi żgħar biex tiġi faċilitata l-preparazzjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni.

CHESAR

- L-ewwel ħarġa f'Mejju 2010, segwita minn titjib sussegwenti matul is-sena, l-aktar fir-rigward ta' ġenerazzjoni awtomatika ta' rapporti ta' sikurezza tal-kimiċi u verżjoni distribwita.

CASPER

- L-ewwel ħarġa tippermetti l-identifikazzjoni awtomatika u l-prijoritizzazzjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni li huma kandidati eleggibbli għall-verifika ta' konformità u eżaminazzjoni ta' proposta għall-ittestjar.

ODYSSEY

- Żvilupp tal-ewwel verżjoni tlesta sal-aħħar tal-2010, li jippermetti l-bidu tal-produzzjoni fl-2011.

ECM

- Ġie żviluppat appoġġ għall-immaniġġjar ta' dokumenti tal-IT għal volumi ta' xogħol relatati mal-immaniġġjar tal-SVHCs bħala proġett pilota inizjali fil-kuntest ta' programm ta' Enterprise Content Management aktar wiesa'.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Skont il-missjoni tagħha, l-ECHA għanda tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ew ropej bl-aqwa pariri xjentifiċi possibbli fi kw istjonijiet relatati mas-sikurezza u l-aspetti soċjo-ekonomiċi fl-użu ta' kimiċi. Dan ir-rwol ikopri wkoll, lil hinn minn dak li hu deskritt taħt attivitajiet operazzjonali oħra, ċerti problemi xjentifiċi orizzontali u ġenerali, kif ukoll l-appoġġ xjentifiku u tekniku li l-ECHA se tagħti lill-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra fl-iżvilupp jew ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar il-kimiċi.

Is-suġġetti li fuqhom l-aktar li sar xogħol fl-2010 ikopru n-nanomaterjali, l-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar, u l-abbozz tar-Regolament dwar il-Bijocidi¹³.

L-ECHA segwiet mill-viċin l-iżvilupp tal-Proġetti ta' Implimentazzjoni ta' REACH dwar in-Nanomaterjali (RIP-oN). Input sostanzjali ġie pprovdut b'mod partikolari għall-proġett RIP-oN-1 dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-istudju ta' każijiet relatati, fejn studju minnhom dwar in-nanotubi kien immexxi b'konġunzjoni bejn l-ECHA u CEFIC. Barra minn hekk, żviluppi fiż-żewġ proġetti RIP-oN l-oħra fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u stima tas-sikurezza tal-kimiċi ġew segwiti mill-viċin bil-għan li jiġi evalwat ir-riżultat f'termini ta' aġġornament potenzjali għall-gwida tal-ECHA fil-futur qarib. Fl-aħħar nett, l-ECHA pprovdiet lill-Kummissjoni b'servizzi b'pariri tekniċi u xjentifiċi waqt l-iżvilupp tal-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tat-terminu "nanomaterjal", kif ukoll ipparteċipat fil-Grupp ta' Ħidma SCENIHR¹⁴ dwar l-elementi xjentifiċi tad-definizzjoni nanomaterjali.

Dwar l-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar, inklużi metodi ta' ttestjar alternattivi, l-ECHA kompliet tibni l-kompetenzi u l-kapaċitajiet tagħha sabiex tipprovdi parir xjentifiku u tekniku. L-ECHA pparteċipat u kkontribw ixxiet għall-attivitajiet tal-grupp ta' Ħidma tal-Koordinaturi Nazzjonali għall-Programm ta' Linji Gwida għall-ttestjar tal-OECD, inkluż il-grupp mera. Dan inkluda kummenti dwar proposti għal-linji ta' gwida għall-ittestjar, u jkopri wkoll il-protokoll propost ġdid għal studju estiż ta' ġenerazzjoni waħda dwar it-tossiċità riproduttiva.

Barra minn hekk, bil-għan li jiġi żviluppat qbil komuni dwar l-użu ta' metodi mingħajr test fil-kuntest regolatorju, l-ECHA organizzat workshop għall-partijiet interessati rilevanti f'Settembru 2010. Il-workshop għen biex jiċċara l-kunċetti, l-possibbiltajiet u r-restrizzjonijiet ta' metodi mingħajr test, u serva ta' punt ta' tluq għat-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċitajiet skedat għall-2011.

L-ECHA pprovdiet parir tekniku lill-Kummissjoni waqt l-ewwel qari tal-proposta għar-Regolament il-ġdid dwar il-Bijoċidi. Ippjanar inizjali beda fir-relazzjoni tal-inkarigi futuri tal-ECHA skont ir-regolament propost, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew u l-qbil politiku li ntlafhaq mill-Kunsill. L-interess ewleni tal-ECHA kien li tassigura li jkun hemm persunal, għodod tal-IT, u proċessi xierqa jistgħu jkunu lesti kmieni biżżejjed sabiex tibda l-implimentazzjoni effettiva tal-attivitajiet il-ġodda. Peress li ebda finanzjament speċifiku ma kien għadu disponibbli għall-ECHA, dawn l-attivitajiet preparatorji kienu għadhom relattivament limitati.

¹³ Proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prodotti bijoċidali (COM(2009)267 final).

¹⁴ Kumitat Xjentifiku għar-Riskji tas-Saħħa Emerġenti u Identifikati Reċentament.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-ECHA tejbet il-kapaċità tagħha sabiex tipprovdi parir xjentifiku u tekniku dwar is-sikurezza tan-nanomaterjali u l-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar alternattivi u pprovdiet parir xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni (u jekk xieraq lill-istituzzjonijiet koleġislattivi l-oħra) dwar ir-Regolament propost dwar il-Bijoċidi.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultati 2010
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tal-appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut mill-Kummissjoni.	Għoli	Stħarriġ annwali	Għoli

Punti Ewlenin

- L-ECHA segwiet mill-viċin l-iżvilupp tal-Proġett ta' Implimentazzjoni ta' REACH dwar in-Nanomaterjali (RIP-oN) u parir tekniku u xjentifiku pprovdut lis-servizzi tal-Kummissjoni waqt l-iżvilupp tal-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tat-terminu "nanomaterjal".
- Il-programm OECD dwar il-linji gwida għall-ittestjar kien appoġġjat. L-esperti tal-ECHA kkontribwixxew b'mod konsiderevoli, partikolarment fid-diskussjoni dwar il-protokoll il-ġdid għal studju estiż ta' ġenerazzjoni waħda dwar it-tossiċità riproduttiva.
- Kien ipprovdut appoġġ għall-proċedura ta' kodeċiżjoni dwar il-proposta għar-Regolament dwar il-Bijoċidi u beda xogħol inizjali sabiex jipprepara għal inkarigi ġodda, bil-għan li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.

KORPI U ATTIVITAJIET TA' SOSTENN TAL-ECHA

Attività 8: Kumitati u Forum

Kisbiet Ewlenin fl-2010

MSC, RAC u SEAC

Il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat tal-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) huma parti integrali mill-ECHA. Flimkien għandhom rwol essenzjali sabiex jiżguraw funzjonament mexxej u effiċjenti tar-Regolament REACH u l-kredibbiltà tal-ECHA fir-rispett tal-indipendenza, l-integrità xjentifika u t-trasparenza tagħha.

L-isfidi ewlenin mistennija tal-2010 kienu ż-żieda fil-volumi ta' xogħol għall-Kumitati li kienet tiddependi min-numru attwali u l-kumplessità tad-dossiers ta' restrizzjoni u tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati (CLH) u d-deċiżjonijiet dwar l-evalwazzjonijiet rċevuti.

Barra minn hekk, il-preparazzjonijiet għar-riċeviment tal-applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni kważi tlestew bit-tfassil u l-qbil dwar il-proċeduri ewlenin tal-Kumitat b'kooperazzjoni mill-viċin bejn ir-RAC u s-SEAC.

B'mod ġenerali, in-numri attwali ta' dossiers irċevuti kienu għoljin u bosta kienu partikolarment kumplessi u rrikjedew xogħol addizzjonali. Il-RAC tat l-opinjoni tagħha dwar l-ewwel talba *ad hoc*, jiġifieri mandat fl-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament REACH, li ppreżenta sfida addizzjonali. Kollox ma' kollox, kien hemm volumi konsiderevoli ta' xogħol fl-2010 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Minkejja dan, id-dossiers kollha ġew jew qed jiġu pproċessati mill-Kumitati fil-perjodu ta' żmien legali; opinjonijiet jew qbil ġew adottati b'konsens jew b'mod unanimu, rispettivament u kienu ta' kwalità għolja.

F'Diċembru 2010, jew kmieni fl-2011, ħafna mill-membri tal-Kumitat għamlu l-mandat sħiħ ta' tliet snin tagħhom. Sabiex jiġi żgurat il-kontinwazzjoni tax-xogħol tal-Kumitati beda proċess li jiżgura t-tiġdid b'suċċess jew il-bdil ta' dawn il-membri.

Organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati għad għandhom rwol attiv fix-xogħol tal-Kumitati. Bħalissa kull Kumitat stieden sa 19-il organizzazzjoni ta' partijiet interessati eliġibbli, li jirrappreżentaw tipi differenti ta' interessi ġenerali, biex jinnominaw osservatur regolari li jsegwi u jikkontribwixxi fix-xogħol tal-Kumitat. L-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati saru aktar involuti b'mod attiv fix-xogħol tal-Kumitati matul l-2010 issa li l-fokus tax-xogħol tagħhom mexxa fuq id-dossiers, milli l-istabbiliment tal-Kumitati stess. Il-parteċipazzjoni tal-osservaturi b'mod ġenerali kienet pożittiva ħafna u membri tal-Kumitati apprezzaw il-valur miżjud fl-involvement tal-osservaturi regolari tal-partijiet interessati fix-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Istati Membri eżamina wkoll il-proċedura tax-xogħol tiegħu dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar proposti għall-ittestjar u kontrolli ta' konformità li jippermettu, bil-qbil tal-Bord ta' Tmexxija, lil sidien tal-każ u osservaturi tal-partijiet interessati sabiex jipparteċipaw f'diskussjonijiet dwar deċiżjonijiet ta' kontrolli ta' konformità u proposti għall-ittestjar meta d-dossiers huma ppreżentati u inizjalment diskussi. L-ECHA bdiet azzjonijiet biex ittejjeb ulterjorment l-effiċjenza tal-proċeduri tal-Kumitat bil-għan li jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti kollha hi disponibbli u l-kummenti rilevanti kollha mill-partijiet interessati ġew indirizzati fiż-żmien meta l-proċess għall-iffurmar tal-opinjoni kienet finalizzata.

Forum għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-infurzar

Il-Forum iltaqa' darbtejn fi plenarja u kellu għaxar laqgħat għall-gruppi ta' ħidma fl-2010. Barra minn hekk, organizza w orkshop għall-partijiet interessati sabiex isafhaħ l-għaqda tiegħu magħhom. B'konformità mal-programm ta' ħidma tiegħu, il-Forum ikkonċentra fuq il-finalizzazzjoni dw ar l-ewwel proġett koordinat ta' infurzar dw ar il-prereġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni u d-dejta ta' sikurezza (b'fokus fuq l-infurzar tar-regola "ebda dejta, ebda suq"), li kien implimentat f'25 Stat Membru tal-UE-ŻEE. Barra minn hekk, il-Forum ipprepara t-tieni proġett koordinat għall-2010/2011, dw ar il-formulaturi ta' taħlitiet li huma l-ewwel Utenti Downstream fil-katina ta' provvista.

Kmieni fl-2010, il-Forum assista lill-ECHA fil-finalizzazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet ta' REACH Information Portal for Enforcement (RIPE) – għodda tal-IT li se tippermetti lil spetturi fi Stati Membri sabiex jaċċedu għal dejta mis-sottomissjonijiet lill-ECHA. Il-grupp ta' ħidma tal-Forum għall-RIPE ipprova l-kummenti preliminari tiegħu dw ar l-ewwel iterazzjoni tal-applikazzjoni f'Diċembru 2010 u ddiskuta w koll ir-Rakkomandazzjoni ta' Sikurezza tar-RIPE li tiggverna r-regoli dw ar l-aċċess sikur għar-RIPE u l-immaniġġjar ta' dejta li hemm maħżuna.

Il-Forum iddiskuta w koll il-ħtieġa għal għodda oħra tal-IT għall-awtoritajiet tal-infurzar ta' REACH – Sistema Elettronika għal Skambji ta' Informazzjoni li tippermetti lil spetturi minn pajjiżi differenti biex jagħmlu skambji ta' informazzjoni u esperjenzi b'mod faċli u mexxej. Tard fl-2010, il-Forum stabbilixxa grupp ta' ħidma biex jiddefinixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-funzjonament ta' tali pjattaforma, li se tkun użata mill-ECHA fl-2011 sabiex tanalizza l-aqwa metodu biex tiġi implimentata s-sistema meħtieġa.

Barra minn hekk, il-Forum ippubblika l-elementi bażiċi tiegħu għal kriterji minimi għall-ispezzjonijiet REACH u beda kooperazzjoni ma' awtoritajiet tad-dwana. Ipprepara sessjoni ta' taħriġ dw ar REACH għal persuni li jħarrġu f'nazzjon, u pprepara w koll għall-infurzar tar-Regolament CLP billi organizza avveniment għall-ispetturi CLP kif ukoll evalwa l-programm u d-dokumenti ta' ħidma tiegħu f'termini ta' bżonnijiet għall-infurzar ta' CLP. Barra minn hekk, il-Forum ikkoopera u qasam l-informazzjoni mar-RAC u s-SEAC, is-segretarjat tal-ECHA u l-Kummissjoni Ewropea, dw ar pariri fuq l-infurzabbiltà fuq proposti għar-restrizzjoni ta' sustanzi.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Ix-xogħol tal-Kumitati se jkun sostnut b'mod effiċjenti u effettiv sabiex ikunu jistgħu
 - jirrispettaw l-iskedi mogħtija fil-leġislazzjoni, u
 - joffru opinjonijiet xjentifiċi u tekniċi ta' kwalità għolja u qbil li jappoġġjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet finali

b'mod trasparenti filwaqt li jiżguraw l-kunfidenzjalità meħtieġa.

2. Ix-xogħol tal-Forum se jkun sostnut b'mod effiċjenti u effettiv sabiex ikun jista' jsafhaħ u jarmonizza ulterjorment l-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri b'mod trasparenti filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità meħtieġa.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' opinjonijiet / qbil mogħtija fil-ħin	Mhux inqas minn 90%	Rapport annwali intern	100%
Perċentwal ta' qbil unanimu mill-MSK.	Mhux inqas minn 80%	Rapport annwali intern	100%
Perċentwal ta' opinjonijiet tal-Kumitat adottati b'kunsens.	Mhux inqas minn 70%	Rapport annwali intern	100%
Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat aċċettati fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni Ewropea.	Għoli	Rapport annwali intern	Mhux applikabbli
Kummenti mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-ECHA dwar il-valur miżjud ta' attivitajiet tal-Forum.	Pożittivi	Stħarriġ annwali	Pożittiv
Livell ta' sodisfazzjon tal-Membri u partċipanti oħra bl-appoġġ (inkluż taħriġ u presidenza) ipprovdut mill-ECHA lill-Kumitati u lill-Forum	Għoli	Stħarriġ Annwali	Għoli
Livell ta' sodisfazzjoni tal-partijiet interessati, Awtoritajiet Kompetenti u Membri tal-Kumitati bit-trasparenza globali u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-proċessi tal-Kumitat u l-attivitajiet tal-Forum.	Għoli	Stħarriġ Annwali	Għoli

Punti Ewlenin

Ġenerali

- Ġew stabbiliti kuntratti miktuba ma' relaturi u esperti li jservu l-gruppi ta' ħidma b'konformità mal-Artikoli 87(3) tar-Regolament REACH.
- Tlesta b'suċċess it-tiġdid tal-ħatra jew il-bidla tal-membri tar-RAC, is-SEAC u l-MSK li servew għat-tliet snin sħaħ.

Kumitat tal-Istati Membri

- Saru ħames laqgħat plenarji u żewġ laqgħat għal gruppi ta' ħidma.
- Kienu rċevuti 19-il proposta ulterjuri dwar Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs), li dwar 16 minnhom sar qbil li jiġu inklużi fil-Lista ta' Kandidati, filwaqt li sar qbil fuq it-tlieta l-oħra li l-informazzjoni ma kinitx disponibbli biex ikun jista' jiġi deċiż dwar l-istatus SVHC tagħhom.
- Ġiet adottata b'kunsens opinjoni dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-ECHA għall-inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità mil-Lista ta' Kandidati għall-Anness XIV (il-Lista ta' Awtorizzazzjoni), li ppermetta lill-ECHA biex tissottometti r-rakkomandazzjoni tagħha dwar tmien sustanzi lill-Kummissjoni Ewropea.
- Intlaħqu deċiżjonijiet unanimi dwar erba' abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar kontrolli ta' konformità u tliet abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar proposti għall-ittestjar.

Kumitat għall-Istima tar-Riskji

- Ġew organizzati sitt laqgħat plenarji, waħda minnhom f'parti minnha konġunta mas-SEAC.
- Ġew adottati 15-il opinjoni dwar proposti għal klassifikazzjoni & tikkettar (CLH).
- Ġiet adottata opinjoni fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv dwar aċidu boriku komposti tal-borati f'applikazzjonijiet fotografiċi.
- Ġew irċevuti l-ewwel erba' dossiers ta' restrizzjoni u l-opinjonijiet huma skedati għall-adozzjoni fl-2011.

Kumitat tal-Analiżi Soċjoekonomika

- Ġew organizzati erba' laqgħat plenarji, waħda minnhom f'parti minnha konġunta mar-RAC.

- Ġew irċevuti l-ewwel erba' dossiers ta' restrizzjoni u l-opinjoni huma skedati għall-adozzjoni fl-2011.
- Ġew organizzati żewġ workshops relatati mal-analiżi tal-impatti fuq is-saħħa u l-ambjent mis-Segretarjat sabiex tissaħħaħ ulterjorment il-kapaċità tal-Kumitat sabiex jilħaq l-isfidi tiegħu fl-2011.

Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar

- Ġew organizzati żewġ laqgħat plenarji tal-Forum, 10 laqgħat għall-gruppi ta' ħidma tal-Forum, workshop għall-infurzar wieħed (1) mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u avveniment ta' taħriġ wieħed (1) għal dawk li jħarrġu l-infurzar ta' REACH.
- Il-Forum ikkonkluda l-ewwel proġett koordinat tiegħu tal-infurzar, u ddeċieda dwar il-kontinwazzjoni tiegħu sar-rebbiegħa 2011 billi ħa f'kunsiderazzjoni l-konformità mal-ewwel limitu ta' żmien tar-REACH.
- Ir-rapport tal-proġett REACH-EN-FORCE-1 tal-Forum.
- Inħoloq id-dokument tal-Forum dwar il-"Minimum Criteria for REACH Inspectors".
- Inħoloq manwal għall-proġett REACH-ENFORCE-2.
- Il-Forum adotta sitt pariri dwar l-infurzabbiltà mir-restrizzjonijiet proposti.
- L-ECHA ppreparat il-Functional Requirements Specification għar-RIPE bl-assistenza tal-Forum.

Table 7: Numru ta' deċizzjonijiet, opinjonijiet, u ftehim tal-Kumitat adottati¹⁵

	Ftehim dwar l- SVHC	Opinjoni dwar ir- Restrizzjoni	Opinjoni dwar l- abbozz ta' Rakkomandazzjoni għall-Anness XIV	Opinjoni dwar is- CLH	Ftehim dwar proposti għall- ittestjar	Ftehim dwar il-kontroll ta' konformità	Opinjoni dwar l- Artikolu 77(3)(c) ¹⁶
MSC	19	Mhux applikabbli	1	Mhux applikabbli	3	4	0 (0)
RAC	Mhux applikabbli	0 (4)	Mhux applikabbli	15 ¹⁷ (29)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	1 (0) ¹⁸
SEAC	Mhux applikabbli	0 (4)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	0 (0)

¹⁵ Il-figuri bejn il-parentesi jirreferu għan-numru ta' dossiers rċevuti, filwaqt li fl-aħħar kolonna n-numru bejn il-parentesi jirreferi għall-mandat (it-talba tad-Direttur Eżekuttiv) irċevut.

¹⁶ L-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament REACH: "Il-Kumitati għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin: (...) fuq it-talba tad-Direttur Eżekuttiv, jippreparaw opinjonijiet dwar kwalunkwe aspett ieħor fir-rigward tas-sigurtà ta' sustanzi waħidhom, fi preparati jew f'oġġetti."

¹⁷ L-opinjoni jkopru 16-il dossier.

¹⁸ Il-mandat (it-talba tad-Direttur Eżekuttiv) għal din l-opinjoni ġie rċevut fl-2009.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-2010 kien li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-proċess tal-appelli u li tinbena l-fiduċja tal-partijiet interessati fil-Bord tal-Appell. Għal dan il-għan, il-komunikazzjoni ma' appellanti potenzjali u partijiet interessati oħra tgiebet billi ġew offruti għodod prattiċi ġodda kontenut ġdid fuq is-sit elettroniku fi 22 lingwa ta' l-UE. B'mod partikolari, l-Istruzzjonijiet Prattiċi għall-partijiet sabiex jappellaw l-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u għodod għall-appoġġ ġew ippreparati u ppubblikati sabiex jgħinu lill-partijiet jaġixxu b'konfermità mar-rekwiżiti legali u jippreparaw appelli bl-aktar mod effettiv. Il-Bord tal-Appell ipparteċipa wkoll fl-avvenimenti għall-partijiet interessati.

L-elementi essenzjali tal-proċess tal-appelli ġew definiti wkoll f'aktar dettall billi ġew implimentati deċiżjonijiet ibbażati fuq ir-Regoli ta' Proċedura. Barra minn hekk, ġestjoni tal-kwalità tnediet u ġiet standardizzata f'serje ta' struzzjonijiet ta' ħidma dokumentati li ssaħħa l-effiċjenza tal-Bord u tar-Reġistru. L-għodod għall-kwalità interna relatati mal-proċeduri tal-appell u l-abbozzar ta' deċiżjonijiet ġew żviluppati wkoll.

Kif indikat fil-Programm ta' Ħidma tal-2010, kien hemm inċertezza konsiderevoli fir-rigward tan-numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni li kellhom jiġu sottomessi lill-ECHA sal-iskadenza tat-30 ta' Novembru, u għaldaqstant anke fir-rigward tan-numru ta' appelli li kellhom jiġu rċevuti. Konsegwentement, miżuri ta' kontinġenza ġew ipplanati għall-2010 f'każ li kien jiddaħħal numru kbir ta' appelli minħabba d-deċiżjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dejta. Madanakollu, appell wieħed biss iddaħħal fl-2010. Daħal fl-aħħar nett tas-sena u għaldaqstant se jkun proċessat fl-2011. Fil-fatt, kwistjonijiet dwar il-kondiviżjoni ta' dejta ma seħħewx kif kien mistenni. Barra minn hekk, jidher li l-isforzi tal-ECHA biex tassisti lil kumpaniji fil-proċess ta' reġistrazzjoni, bħal ngħidu aħna bl-għodda TCC, irriżultaw f'numru inqas ta' reġistrazzjonijiet miċħuda minn dak mistenni. Barra minn hekk, ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ittiegħdu wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni u għaldaqstant, kien għad kellhom il-possibbiltà li jiġu appellati wara tmiem l-2010.

Ħidma konsiderevoli marret ukoll biex jiġi żgurat li membri alternati/addizzjonali kienu ppreparati f'każ li jkun hemm il-bżonn għad-deżinjazzjoni tagħhom. Dan jinkludi l-laqqgħa annwali bejn il-membri regolari u dawn alternati/addizzjonali.

Matul l-2010 kien hemm xi bidliet fl-istaff tal-Bord tal-Appell peress li l-Membru bi Kwalifiki Tekniċi rtira u assumu l-pożizzjoni ta' membru alternat/addizzjonali. Il-proċess ta' ħatra għal membru ġdid beda wkoll. Barra minn hekk, tliet Presidenti alternati ġodda nħatru mill-Bord tat-Tmexxija.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja jiġu adottati mill-Bord mingħajr dewmien żejjed.

Indikaturi & Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenza tal-verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' każijiet li tlestew fi żmien 12-il xahar mill-introduzzjoni tagħhom.	90%	Rapport annwali tal-Bord	Mhux applikabbli
Livell ta' fiduċja tal-partijiet interessati fil-proċedura tal-appell.	Għoli	Sfharriġ fost il-partijiet interessati	Mhux applikabbli

Punti Ewlenin

- Il-proċeduri li saru fil-kors tal-2010 u relatati mal-każ ta' appell ġdid (mdaħħal f'Diċembru tal-2010) ġew magħmula b'manjera effettiva.
- Diversi deċiżjonijiet dwar regoli ta' proċedura ġew ippreparati u adottati mill-Bord tal-Appell, eż.:
 - Deċiżjoni li jiġu adottati Struzzjonijiet Prattiċi għal partijiet biex jappellaw proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell;
 - Deċiżjoni li tiġi adottata il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri (Regolari/Alternati/Addizzjonali) tal-Bord tal-Appell;
 - Deċiżjoni li tistabbilixxi Struzzjonijiet għar-Reġistratur tal-Bord tal-Appell.
- Qafas legali u prattiku għall-ingaġġ ta' membri alternati/addizzjonali ġie stabbilit b'mod sħiħ, eż.:
 - Deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli dwar id-deżinjazzjoni ta' Membri Alternati jew Addizzjonali;
 - Deċiżjoni li jiġu adottati t-Termini Ġenerali għal Membri Alternati u Addizzjonali tal-Bord tal-Appell maħluqa biex jaġixxu fi proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.
- Proċeduri tar-Reġistru ġew finalizzati u struzzjonijiet ta' fidma ġew definiti b'mod ċar f'dokumenti standardizzati li jirreflettu standards għoljin ta' kwalità. Ġie definit il-proċess ta' fidma tal-Bord tal-Appell għad-"Deċiżjonijiet dwar l-Appelli" u ġew żviluppati l-ewwel għodod ta' kwalità relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Fl-2010, kien ipprovdut sostenn estensiv għall-industrija sabiex tibni l-kapaċità tagħha għas-sottomissjoni kompleta tad-dossiers ta' reġistrazzjoni bl-użu ta' għodod varji ta' komunikazzjoni fil-forma ta' w ebinarji, w orkshops tal-industrija, żew ġ ġranet iddedikati għall-partijiet interessati b'sessjonijiet individwali għal kumpaniji individwali, u materjal immirat fi 22 lingwa tal-UE. L-Aġenzija għamlet ukoll kampanja multilingwali dwar CLP (bis-slogan, "CLP - Notify in time") sabiex iżżid is-sensibilizzazzjoni fost il-kumpaniji kollha milquta mir-regolament, dwar l-iskadenza għan-notifiki għall-klassifikazzjoni u tikkettar. Il-kampanja inkludiet: vidjo; w ebinarji; materjal immirat għal utenti downstream, organizzazzjonijiet ta' riċerka u importaturi; workshops fi Stati Membri fil-lingwi rispettivi tagħhom; preżentazzjonijiet fl-iStakeholders' Day; u attività intensiva għall-istampa. L-Aġenzija ħadmet ukoll mal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) u mal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) biex turi l-importanza tal-leġislazzjoni ġdida dwar il-kimika u l-iskadenzi lejn tmiem is-sena.

Materjal tradott immirat għal udjenza ta' impriżi żgħira u medji (SMEs) jew il-pubbliku ġenerali baqa' mogħti prijorità matul l-2010. B'kollox, 175 dokument ġie tradott u ppubblikat fi 22 lingwa, inklużi: dokumenti ta' gwida, manwali għall-utenti, Gwidi Prattiċi, l-għodda għan-notifika ta' volumi kbar għal CLP, aħbarijiet, stqarriji għall-istampa. Barra minn hekk, paġni fuq l-internet għall-SMEs dwar il-kondiviżjoni ta' dejta u l-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar saru aċċessibbli fi 22 lingwa. Biex jiġi promoss l-użu tat-traduzzjonijiet tagħna, kampanja żgħira (bl-islogan, "In your language") tnedja fil-ħarifa tal-2010 u akkumpanjat minn fuljett u w eb-banner.

Fl-2010, l-ECHA żviluppat ulterjorment is-servizz ta' rilokazzjoni tal-istampa u l-midja tagħha: billi pprovdiet l-ewwel stqarrija għall-istampa multimedjali tagħha fl-okkażjoni tal-ewwel skadenza ta' REACH; u bl-introduzzjoni ta' komunikazzjoni e-News kull ġimgħa. Il-profil tal-ECHA diġà huwa b'saħħtu fil-midja settorjali speċifika fejn il-grad ta' interess f'REACH u CLP hu ferm għoli. Madanakollu, l-2010 rat żieda fin-numru ta' mistoqsijiet u talbiet għal intervisti minn midja aktar popolari, ngħidu aħna dwar ir-riżultat tal-skadenza ta' REACH u l-implikazzjonijiet tagħha għall-industrija u s-soċjetà fis-sħuħija tagħhom.

Eżaminazzjoni għar-reputazzjoni tal-ECHA – kif tidher l-Aġenzija, kemm internament kif ukoll esternament – saret matul l-2010 u qed twassal, fl-2011, għall-implimentazzjoni ta' identità korporattiva ċara. Din se tinkludi identifikazzjoni mill-ġdid tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-Aġenzija; titjib fis-servizzi (kemm interni kif ukoll esterni); sit elettroniku ġdid; u identità viżwali ġdida.

Issa li n-numru ta' staff fl-ECHA qed jibqa' jikber b'mod rapidu, il-komunikazzjoni interna effettiva hi importanti aktar minn qatt qabel. Għaldaqstant, il-fokus fl-2010 ġie mitfugħ fuq l-immaniġġjar, l-evalwar u l-iżvilupp ulterjuri tal-għodda ta' komunikazzjoni sabiex titjeb kemm il-komunikazzjoni online kif ukoll djalogu bidirezzjonali bejn l-istaff.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Komunikazzjoni effettiva mal-udjenzi esterni tal-ECHA, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza preċiża u bbilanċjata fix-xandir.
2. Il-materjal kollu (kemm fuq l-internet jew mhux) li hu maħluq għal numru kbir ta' intrapriżi żgħira u medji jew għall-pubbliku ġenerali se jkun tradott f'21 lingwa uffiċjali tal-UE.

3. Bil-għajnuna ta' komunikazzjoni interna effettiva, l-istaff tal-ECHA hu ferm infurmat, għandhom sens ta' appartenenza, u jħossuhom parti minn missjoni korporattiva komuni.

Indikaturi & Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Livell ta' sodisfazzjoni tal-klijent bis-sit elettroniku.	Tajjeb Ħafna	Stħarriġ annwali ta- utenti, statistiċi trimestrali fuq l-internet	Għoli
Livell ta' sodisfazzjoni tal-istaff bil-komunikazzjoni interna.	Tajjeb	Stħarriġ annwali għall- istaff	Għoli
Livell ta' sodisfazzjoni espressa fi stħarriġijiet fost il-klijenti ta' kitbiet ippubblikati – newsletter, newsletter interna.	Tajjeb	Stħarriġ annwali għall- klijenti	Għoli
Livell ta' sodisfazzjoni tal-partijiet interessati bl-involvement tagħhom.	Tajjeb Ħafna	Stħarriġ għall-partijiet interessati fl- iStakeholder Days	Għoli
Pubblikazzjoni ta' traduzzjonijiet ta' dokumenti ta' gwida rilevanti għal numri kbar ta' intrapriżi żgħir u medji (f-perjodu medju ta' tliet xhur wara d-dokument oriġinali, mingħajr validazzjoni).	100%	Rapport trimestrali intern	91%

Punti Ewlenin

Komunikazzjoni Interna

- Strumenti għall-komunikazzjoni interna – ECHA Exchange, ECHO, skrins ta' informazzjoni, Netwerk ta' Komunikazzjonijiet eċċ – ġew evalwati u żviluppatti ulterjorment.
- Sar l-ewwel Stħarriġ għall-Istaff.

Komunikazzjoni Diġitali

- Is-sit elettroniku tal-ECHA u l-intranet ġew aġġornati u mtejba.
- Tlesta proġett ta' riċerka dwar il-Customer Insight fuq is-sit elettroniku.

Esterna

- Il-marka tal-ECHA ġiet analizzata u Identità Korporattiva ġdida qiegħda fil-fażi ta' żvilupp, għall-implimentazzjoni fl-2011.
- Il-materjali kollha mmirati għal impriżi żgħir u l-pubbliku ġenerali ġew tradotti u reviżjonijiet lingwi ističi tad-dokumenti ta' gwida ġew koordinati ma' 13-il Stat Membru.
- Il-proġett ta' terminoloġija tal-ECHA – żewġ prototipi tal-portal elettroniku ġew żviluppatti u eżaminati ma' utenti li ttestjawhom.
- Tnediet u ġiet koordinata l-kampanja "Notify in time" ta' CLP, inkluża l-ewwel kampanja konġunta mal-partijiet interessati.
- Tnediet il-kampanja "In Your Language" biex tippromwovi t-traduzzjonijiet tal-ECHA.
- Ġie mmaniġġjat u żviluppatt ulterjorment Netwerk għall-Komunikazzjoni tar-Riski.
- Ġiet żviluppata Strateġija għall-Komunikazzjonijiet ta' Kriżijiet.
- Tlesta studju tal-Eurobarometer dwar CLP.
- Ġew organizzati żewġ Stakeholders' Days (Mejju u Ottubru).
- Tlesta l-ewwel Stħarriġ għall-Partijiet Interessati tal-ECHA.
- Ġew organizzati 17-il webinarju għall-udjenzi fil-mira.

Servizzi tal-Istampa u l-Midja


- Añbarijiet imxandra fi stqarrijiet għall-istampa, añbarijiet, newsletters ta' kull ġimgħa jew kull xahar.
- L-immaniġġjar ta' konferenzi għall-istampa u añbarijiet fil-qosor għall-istampa, intervisti u żjarat esterni.

- Ġiet stabbilita sistema ta' monitoraġġ ta' kuljum tal-midja flimkien ma' analiżi kull ġimgħa u kull xahar.
- Ġie offrut L-ewwel pakkett multimedjali għall-istampa wara l-ewwel skadenza għar-reġistrazzjoni.

Tabella 8: Statistiċi ta' komunikazzjoni

Attività	Riżultat
Żewġ ġranet għall-partijiet interessati (Stakeholders' Days)	700 parteċipant u 1000 bli-żu tal-web streaming, 140 sessjoni individwali ma' kumpanji individwali u 150 parteċipant imħarreġ dwar is-sottomissjonijiet CLP u REACH
Webinarji għar-Reġistranti Prinċipali	Aktar minn 3000 parteċipant u ġew segwiti 10 000 darba wara l-avveniment.
Pubblikazzjonijiet	Aktar minn 60 pubblikazzjoni oriġinali
Traduzzjonijiet	2279 paġna tradotta f'21 lingwa
Mistoqsijiet mill-istampa	2979
Stqarrijiet għall-istampa	29
Aħbarijiet	82
Newsletters	6
Żjarat fuq is-sit elettroniku	2 477 479 viżitatur minn 200 pajjiż

Figura 1: Preżentazzjonijiet mogħtija f'workshops nazzjonali bħala parti mir-roadshow tal-kampanja għan-notifiki għall-K&T



Kisbiet Ewlenin fl-2010

Istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħra

Id-Direttur Eżekuttiv u l-maniġment superjuri tal-ECHA kkooperaw b'mod regolari mal-istituzzjonijiet Ewropej fl-2010, b'mod partikolari mal-Parlament u l-Kunsill kif ukoll ma' Stati Membri u l-Kummissjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv jidher b'mod annw ali quddiem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew, u informazzjoni regolari dwar l-attivitajiet tal-ECHA tkun ipprovduta lill-persuna ta' kollegament tal-PE, Satu Hassi MEP, kif ukoll lil MEPs minn Kumitati speċjalizzati. Delegazzjoni kbira mill-Parlament, immexxija mill-President tal-Kumitat għall-ENVI, ukoll għamel żjara lill-ECHA f'April tal-2010.

L-ECHA kellha kuntatti kontinwi u frekwenti mal-Kummissjoni, u xi laqgħat okkażjonali ta' livell għoli saru fil-livell ta' Direttur Ġenerali u mal-istaff tal-Kabinett. L-istaff tal-ECHA jkollu kuntatti fuq livell ta' ħidma kontinwu mal-uffiċjali tal-Kummissjoni mid-DG ENTR u d-DG ENV. Barra minn hekk, il-Viċi President Tajani u l-membri tal-Kummissjoni Potočnik żaru l-ECHA f'Marzu tal-2010.

Barra minn hekk, l-Artikoli 95 u 110 tar-Regolament REACH jeħtieġu l-kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' korpi xjentifiċi rilevanti oħra tal-Komunità sabiex jiġi żgurat l-appoġġ reċiprodu biex jiġu identifikati sorsi potenzjali ta' kunflitti bejn opinjonijiet xjentifiċi. Din is-sena ammont sinifikanti ta' xogħol sar biex jintlaħqu ftehimiet bejn l-ECHA u l-EFSA¹⁹, l-SCOEL²⁰ u l-ACSHW²¹. L-ewwel ftehim mal-EFSA kważi tlesta u hu mistenni għall-2011. Il-ftehimiet l-oħra huma f'fażi ta' żvilupp.

Saru wkoll interazzjonijiet *ad hoc* ma' korpi xjentifiċi oħra u aġenziji tal-UE: pereżempju membri tal-Kumitati taw sehemhom f'attivitajiet speċifiċi madwar l-UE kollha u kuntatti bejn is-Segretarjat tal-Kumitat u Kumitati oħra tal-UE ppermettew li jkun hemm kooperazzjoni tajba fuq il-bażi speċifika tad-dossiers.

Bis-saħħa tas-Segretarjati tal-Kumitati, l-ECHA bdiet il-proċess biex tistabbilixxi prattiċi standard sabiex tidentifika, tipprevjeni u timmaniġġja diverġenzi potenzjali bejn l-opinjonijiet tal-Kumitati tal-ECHA u dawk tal-Panels u Kumitati Xjentifiċi li jipprovdu pariri lil Aġenziji oħrajn tal-UE u lill-Kummissjoni. L-identifikazzjoni minn kmieni ta' mandati relatati mal-istess sustanza jew grupp ta' sustanzi, hi element fundamentali f'dan il-proċess. Matul l-2010 ġew ikkunsidrati diversi opinjonijiet għall-evalwazzjoni ta' skrinjar u l-ebda kunflitti fl-opinjonijiet ma ġew identifikati.

Kooperazzjoni internazzjonali

L-attivitajiet internazzjonali tal-ECHA kienu bbażati l-aktar fuq it-talbiet tal-Kummissjoni Ewropea u kienu dettaljati fil-Pjan ta' Ħidma għall-Attivitajiet Internazzjonali tal-ECHA. Dan il-pjan ġie ppreparat b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u ġie approvat mill-Bord tat-Tmexxija.

Fir-rigward ta' attivitajiet multilaterali, il-fokus ewlieni bħas-sentejn ta' qabel, kien fuq l-attivitajiet tal-OECD. L-ECHA baqgħet tikkollabora mal-OECD dwar il-proġett eChemPortal

¹⁹ Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

²⁰ Kumitat Xjentifiku dwar il-Limiti ta' Espożizzjoni fuq il-Post tax-Xogħol.

²¹ Kumitat Konsultattiv dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

(Portal globali għall-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi) billi ffinanzjat l-iżvilupp u billi tiegħu taħt idejha l-hosting tal-portal. F'Diċembru tal-2010, l-ECHA u l-OECD f'argħu b'suċċess verżjoni għda tal-portal, li jtejjeb b'mod sinifikanti l-għażliet għat-tiftix disponibbli u jtejjeb l-aċċess għall-pubbliku għal informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinziċi tal-kimiċi miġbura minn korpi regolatorji madwar id-dinja fil-kuntest tal-programmi tal-analiżi kimika tagħhom. Issa, informazzjoni dwar aktar minn 600 000 kimika, pestiċida u bijoċidu industrijali hija aċċessibbli minn fuq il-portal, inkluża d-dejta mid-dossiers ta' reġistrazzjoni ta' REACH.

L-ECHA kkomaniġġjat ukoll b'suċċess l-iżvilupp tat-Toolbox QSAR²² mal-OECD u l-verżjoni 2.0 f'argħu għall-pubbliku f'Novembru tal-2010. Dan is-software tal-esperti ġie mniżżel aktar minn 800 darba bejn Novembru u Diċembru tal-2010. L-ECHA osservat ukoll li t-Toolbox QSAR diġà kienet qed tintuża biex jiddaħħlu data gaps f'numru ta' dossiers ta' reġistrazzjoni.

Attivitajiet oħra relatati mal-OECD li kienet involuta fihom l-ECHA, kif xieraq, inkluża l-kontribuzzjoni għall-ħidma tat-Task Force għall-Istima tal-Periklu – inkluż il-programm SIDS; it-Task Force għall-Istima ta' Espożizzjoni; il-Proġett għall-Formats Armonizzati; il-Grupp ta' Ħidma għan-Nanomaterjali Manifatturati tal-OECD (WPMN); u l-Programm għall-Ittestjar tal-Linji Gwida. L-ECHA pparteċipat ukoll f'w aħda mil-Laqqgħat Konguntti tal-Kumitat għall-Kimiċi tal-OECD u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kimiċi, Pestiċidi u Bijoteknoloġija (ġeneralment imsejjaħ bħala l-Laqqgħa Konġunta).

L-ECHA appoġġjat ukoll lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Analiżi tal-Konvenzjoni ta' Stokkholm dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes. Fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA pparteċipat ukoll fil-Laqqgħa tal-WHO dwar it-Tisħiħ tal-Kollaborazzjoni Globali fl-Istima tar-Riskju tal-Kimiċi u fl-20 sessjoni tal-UNECE SC GHS.

Matul l-2010, l-ECHA kkonkludiet l-ewwel ftehimiet kooperattivi ma' pajjiżi terzi. Wara żjara mid-Direttur Eżekuttiv fil-Kanada u l-Istati Uniti, Memorandum ta' Qbil ġie konkluż mal-Environment Canada u l-Health Canada f'Mejju, fl-okkażjoni tat-tieni Forum dwar il-Kimiċi f'Ħelsinki; filwaqt li Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni ġiet iffirmata tard fis-sena mal-US EPA Office of Pollution Prevention and Toxics.

Fir-rigward ta' kooperazzjoni bilaterali oħra, is-Segretarjat tal-ECHA pparteċipa f'attivitajiet sabiex jiżjed l-għarfien dwar REACH f'pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll fost l-imsieħba tal-ENP (Politika Ewropea tal-Viċinat), li kienu organizzati l-aktar mill-uffiċċju TAIEX tal-KE. L-ECHA laqgħet numru ta' rappreżentattivi minn ambaxxati, awtoritajiet governattivi u organizzazzjonijiet tal-industrija minn pajjiżi barra l-UE: l-ogħla numru ta' żjarat ġew mill-Asja. L-ECHA pparteċipat ukoll f'numru ta' workshops u seminars dwar REACH u CLP fuq stedina minn organizzaturi differenti f'pajjiżi barra l-UE.

Saru l-ewwel attivitajiet biex jiġu appoġġjati l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni fl-UE biex jippreparaw għall-implimentazzjoni ta' REACH u l-parteċipazzjoni fl-ECHA, appoġġjati mill-Istrument tal-Kummissjoni Ewropea għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Missjonijiet għal ġbir ta' informazzjoni lil tliet pajjiżi kandidati, il-Kroazja, it-Turkija u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kienu l-ewwel passi tal-proġett. Bħala konsegwenza ta' dan, sar fl-ECHA l-ewwel seminar għar-rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti f'dawn it-tliet pajjiżi, fejn fost l-oħrajn ġie introdott ix-xogħol tal-Bord tat-Tmexxija u tal-kumitati differenti.

²² Għodda biex tiffaċilita l-istima tal-proprjetajiet ta' kimika mill-istruttura molekolari tagħha, li għandha l-potenzjal li tipprova informazzjoni dwar il-perikli tal-kimiċi, filwaqt li tnaqqas iż-żmien, l-ispejjeż finanzjarji u l-ittestjar fuq l-annimali meħtieġ fil-preżent.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. Konflitti fuq opinjonijiet ma' Kumitati Xjentifiċi ta' korpi tal-Komunità oħra jiġu evitati bil-qsim ta' informazzjoni u bil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.
2. Il-Kummissjoni Ew ropea tirċievi appoġġ xjentifiku u tekniku ta' kw alità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment fil-korpi multilaterali.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Kemm il-darba seħħew kunflitti ta' opinjonijiet ma' Kumitati Xjentifiċi ta' korpi oħra tal-Komunità.	F'każi ġustifikati biss	Rapport intern ta' evalwazzjoni	Mhux applikabbli
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni bl-appoġġ mogħti mill-ECHA f'attivitajiet internazzjonali.	Għoli	Stħarriġ annwali	Medju
Proġett tal-IT konġunti (il-portal eChem u IUCLID 5) mal-OECD kompluti b'suċċess.	Ħarġa ġdida tal-portal eChem twasslet lill-ECHA u ħarġa ġdida IUCLID 5 ippubblikata sa tmiem l-2010	Rapport annwali	Kompletat

Punti Ewlenin

- Kooperazzjoni kontinwa mal-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u l-Istati Membri.
- Erba' żjarat mid-Direttur Eżekuttiv u staff esperti lil awtoritajiet imsieħba fl-Istati Membri.
- Ammont sostanzjali ta' xogħol mar sabiex jintlaħqu ftehimiet bejn l-ECHA u l-EFSA, l-SCOEL u l-ACSHW. L-ewwel qbil mal-EFSA kważi komplut u hu mistenni għall-2011. Il-ftehimiet l-oħra huma f'fażi ta' żvilupp.
- Beda l-ewwel proġett tal-IPA għal pajjiżi Kandidati.
- Intlaħaq qbil dw ar Memorandum ta' Ftehim dw ar il-kooperazzjoni mal-Kanada u ffirmat.
- Intlaħaq qbil dw ar Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni mal-US EPA u ffirmata .
- Kompletat il-kooperazzjoni xjentifika u teknika mal-OECD:
 - L-ewwel verżjoni tal-eChemPortal ħarġet f'Diċembru tal-2010. Portal ospitat mill-ECHA.
 - It-tieni verżjoni tat-Toolbox QSAR ħarġet fi tmiem l-2010.
 - Ir-rekwiżiti kollha prijoritizzati mill-OECD IUCLID User Group Expert Panel fil-laqgħa tiegħu f'Settembru tal-2008 ġew inkorporati f'IUCLID 5.2. Formats armonizzati ġodda ġew żviluppati u inkorporati f'IUCLID.
 - Task force dwar l-istima tal-periklu.
 - Task force dwar l-istima tal-espożizzjoni.
 - Grupp ta' ħidma għan-nanomaterjali manifatturati.
 - Task force dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar Armonizzati.

IMMANIĠĠJAR, ORGANIZZAZZJONI U RIŻORSI

Attività 12: Immaniġġjar

Kisbiet Ewlenin fl-2010

Il-Bord tat-Tmexxija, li hu l-ogħla korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ECHA, iltaqa' regolarment matul is-sena f'sessjonijiet plenarji jew fi gruppi iċken fost wieħed mill-gruppi ta' ħidma tiegħu. B'eċċezzjoni għall-inkarigi previsti mir-Regolament REACH, ftehim intlaħaq dwar xi suġġetti importanti, inklużi l-ispejjeż amministrattivi li għandhom jiġu imposti għall-verifika tal-istatus ta' SME tar-reġistrant, f'każ li informazzjoni falza tkun sottomessa; fuq il-parteċipazzjoni tal-osservatur tal-parti interessata u ta' sid il-każ f'dibattiti tal-MSR relatati mal-evalwazzjoni ta' dossiers; fuq l-analiżi ta' kriterji għall-għażla ta' osservaturi tal-partijiet interessati; u dwar it-trasferiment ta' ħlasijiet fi Stati Membri fil-kuntest ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni. Is-Segretarjat tal-ECHA aċċerta ruħu minn funzjonament mexxej fil-laqgħat kolla.

Id-Direttur Eżekuttiv hu responsabbli mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija. Żvilupp ulterjuri ta' proċessi ta' ġestjoni u amministrattivi kompliet fuq il-pass li jirrefletti Aġenzija li qed tikber. Sabiex tkun ippreparata sew għall-volumi ta' inkarigi tekniċi u xjentifiċi mogħtija lill-Aġenzija li jżiedu mal-ajr, fl-2010 ġew ippreparati xi bidliet fl-istruttura organizzazzjonali, li kellhom jidhru fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

L-ECHA kellha kuntatti regolari mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, u d-Direttur Eżekuttiv, flimkien ma' staff espert, żar awtoritajiet imsieħba fl-Awstrija, is-Slovakkja, Franza u l-Lussemburgu. Barra minn hekk, żjara lill-ECHA mill-President tal-Finlandja, li hu l-pajjiż ospitanti tal-Aġenzija, saret f'Settembru tal-2010. Beda w koll proċess ta' Ftehim Qafas għat-trasferiment ta' ħlasijiet bejn Stati Membri.

Fl-2010, l-ECHA kompliet timplimenta l-pjan ta' sigurtà tagħha, kif definit fl-2008, b'enfasi mogħti lill-istabbiliment ta' mmaniġġjar tal-kontinwità tan-negozju. Dawn il-politiki u pjanijiet ta' livell għoli li ġejjin ġew approvati fl-2010 jiddefinixxu l-qafas għall-kontinwità u s-sigurtà tan-negozju fl-ECHA: il-Klassifikazzjoni Interna u l-immaniġġjar ta' informazzjoni u dokumenti dwar il-politika; il-politika dwar is-Sigurtà tal-Infomazzjoni; il-politika dwar l-Immaniġġjar tal-Kontinwità tan-Negozju; u l-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet. L-ECHA ħadet ħsieb ukoll talbiet minn Stati Membri għal aċċess għal dejta fil-bażi tad-dejta ta' REACH-IT u organizzat żewġ laqgħat għan-Netwerk tal-Uffiċjali ta' Sigurtà, li hu netwerk kooperattiv ta' rappreżentattivi minn Stati Membri u l-Kummissjoni Ewropea li jassisti lis-Segretarjat tal-ECHA dwar kwalunkwe kwistjonijiet ta' sigurtà relatati mal-iskambju sikur ta' informazzjoni dwar ir-Regolament REACH u CLP.

Fil-kors tal-2010 l-Aġenzija kompliet l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Mmaniġġjar ta' Kwalià Integrata tagħha. L-elaborazzjoni ta' dokumentazzjoni rilevanti ffukat fuq il-proċessi relatati mar-Reġistrazzjoni; l-attivitajiet Helpdesk u HelpNet; ir-Restrizzjonijiet u l-SVHCs; kif ukoll l-Evalwazzjoni tad-Dossiers, sabiex tipprepara għall-inkarigi tal-Aġenzija stabbiliti mill-perjodu ta' żmien tar-Regolament. B'konsegwenzja ta' dan, il-pubblikazzjoni mistennija dwar il-proċeduri operazzjonali ewlenin imxiet relattivament bil-mod. Taħriġ u kkworjar, primarjament immirat lejn il-bini tal-kapaċitajiet tal-istaff, baqgħu għaddejjin. L-espansjoni tal-Organizzazzjoni tal-Kwalià ġiet ippreparata b'konġunzjoni mar-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija, li wassal għall-introduzzjoni tal-funzjonijiet ta' Garanzija ta' Kwalià f'kull Direttorat fl-2011.

Il-ġestjoni ta' riskji relatati mal-funzjonament tal-Aġenzija tgiebet mal-adozzjoni tal-prinċipji u l-metodoloġija relatati mal-istima tar-riskji.

Skont ir-Regolament Finanzjarju tal-ECHA, l-Awditur Intern tal-ECHA hu l-Awditur Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS). L-IAS wettaq awditjar ta' parir dwar il-"Preparazzjoni għar-reġistrazzjoni" fl-2010, u l-maġġoranza tal-pjan ta' azzjoni żviluppat bħala reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS ġiet implimentata fl-2010, sabiex jiġi żgurat li r-reġistrazzjoni ssejtn b'mod mexxej. L-IAS aġġorna w koll il-pjan għall-awditjar strateġiku għall-ECHA, li hu stabbilit għal perjodu ta' tliet snin, fuq bażi rikorrenti.

B'konformità mal-Istandards tal-Kwalità u l-Kontroll Intern u b'kunsiderazzjoni tal-profil ta' riskji tal-Aġenzija, il-"Kapaċità tal-Awditur Intern" (IAC) lokali, bħala riżorsa permanenti, iżżid fil-valur billi tipprovi lid-Direttur Eżekuttiv b'garanzija addizzjonali u attivitajiet konsultattivi.

Objettivi u Indikaturi

Objettivi

1. L-Aġenzija taqdi l-obbligi statutorji kollha tagħha fir-rigward tal-Bord tat-Tmexxija u l-istituzzjonijiet tal-UE.
2. L-Aġenzija tkompli l-iżvilupp ta' sistema ta' kwalità strutturata u kontroll intern, w ara li analizzat ir-riskji tagħha u għandha sistema komprensiva ta' sigurtà kif ukoll qed tħaddem sistema solida ta' ġestjoni ta' informazzjoni.

Indikaturi u Miri tal-Prestazzjoni

Indikaturi	Miri fl-2010	Modi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2010
Perċentwal ta' dokumenti statutorji sottomessi lill-Bord tat-Tmexxija sal-iskadenza legali.	100%	Rapport trimestrali intern	100%
Livell ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' mitigazzjoni tar-riskji.	Mhux inqas minn 90%	Rapport annwali intern	100%
Perċentwal ta' proċeduri ta' kwalità maħruġa għall-pubbliku.	Mhux inqas minn 70%	Rapport annwali tal-Maniġer tal-Kwalità	44%
Numru ta' sejbiet "kritiċi" mill-awdituri relatati mas-sistema interna ta' kontroll fis-sejtn.	0	Rapport annwali tal-awdituri interni	0
Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-awditjar implimentati sal-skadenza	100%	Rapport annwali tal-awdituri interni	100%
Numru ta' inċidenti ta' sigurtà li investigazzjoni mis-servizzi ta' sigurtà tal-ECHA identifikat filhom ħruġ ta' informazzjoni kunfidenzjali.	0	Rapporti interni	0

Punti Ewlenin

- Ġew organizzati erba' laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u 18-il laqgħa li jinvolve membri tal-Bord tat-Tmexxija (inklużi telekonferenzi u laqgħat tal-uffiċjali riportaturi tad-Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Bord tal-Appell).
- Dokumenti regolatorji għall-ippjanar u r-rappurtar ġew ipprovduti u adottati skont l-iskeda miftiehma.
- Ġiet żviluppata sistema ta' mmaniġġjar tal-kwalità u w uħud mill-proċeduri operazzjonali ewlenin ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.
- 85 dokument effettiv dwar is-IQMS tlestew sa tmiem Diċembru tal-2010.
- Deċiżjoni dwar l-immaniġġjar tar-Riskji fl-ECHA ġiet adottata mid-ED, inkluża metodoloġija għall-istima tar-riskji, u l-ewwel eżerċizzju għall-istima tar-riskji mexxa kif ippjanat.

- Ġie implimentat il-pjan ta' ħidma annwali tal-Kapaċità tal-Awditjar Interna għall-2010: il-IAC wettqet żewġ eżerċizzji ta' awditjar ta' garanzija, eżerċizzju ta' awditjar konsultattiv (1) u eżerċizzju ta' awditjar ta' segwitu (1).
- Kien ipprovdut appoġġ legali sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-ECHA huma konformi mar-rekwiżiti legali; proviżjoni ta' dokumenti proċedurali f'10 proċedimenti tal-qorti, proviżjoni għal difiża effettiva b'riżultat pożittiv fil-kawża T-1/10 R.
- Twieġbu 107 talbiet għal "Aċċess għal dokumenti" b'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli.
- Ġie ffirmit 18-il Ftehim Qafas għat-trasferiment ta' ħlasijiet bejn Stati Membri.
- Ġie stabbilit aċċess għad-dejta fil-bażi tad-dejta ta' REACH-IT għal 20 MSCAs.

Kisbiet Ewlenin fl-2010

